

APRIL 09 – ID-29 SENA – GĦADD 289 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

















3 **L-Aħħar Kelma**
Editorjal

4 **Baqar Ta' Basan**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Ħsibijiet fuq San Pawl (8)**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

10 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

11 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

12 **Novella**
minn Emily Barabaro-Sant

13 **Il-Bidu u l-Iżvilupp tad-Djoċesi ta' Garissa (IV)**
mill-E.T. Mons. Francis Baldacchino OFMCap,
Isqof ta' Malindi

21 **Reċensjoni/Poeżija**
minn Kav. Joe M. Attard

22 **Tagħrif Dwar Il-Franċiskani Kapuċċini (1802-1814)**
minn Winston L. Zammit BA (Hons) PGCE, MA.

24 **Vokazzjoni**
minn Patri Ivan Scicluna OFMCap

26 **Tifkira Ta' Alexander Schembri OFMCap 1928-2009**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

29 **Il-Bolol ta' Malta (13)**
minn Tony C Cutajar

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **San Pawl u l-Figura Storika ta' Kristu**
minn Harry Agius Ordway


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Ġesù rxoxt jidher lil Maria ta' Magdala**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2009
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# L-AĦĦAR KELMA

Fil-mentalità tagħna min jgħid l-aħħar kelma huwa dak li għandu f'idejh is-sitwazzjoni. Bil-Malti ngħidu li min jidħak l-aħħar hu dak li jidħak l-aħjar. It-tmun issa huwa f'idejh.

Dan id-diskors jista' jingħad b'referenza għall-Għid. Kemm-il darba nkullajna ruħna mal-profezija ta' Ġesù u tajna importanza lit-tbatija iżjed milli kellha bżonn nagħtuha. **"Ara, issa aħna telgħin Ġerusalemm, u Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-qassisin il-kbar u l-kittieba, li jaqtgħuhielu għall-mewt u jerħuh f'idejn il-pagani, dawn imbagħad jiddieħku bih, jobżqulu fuqu, jagħtuh is-swat u joqtluh…"** (Mk 10:33-34). Forsi mhux din l-attitudni tagħna f'ħajjitna meta l-affarijiet ma jibdewx jiġu kif nixtiequ aħna? Kemm-il darba nibdew nwaħħlu f'xortina u f'Alla, għax kull ma mmissu jsir suf? U kemm inpinġu lilna nfusna vittmi tas-sitwazzjonijiet li nkunu fihom?

Mingħajr dubju din mhijiex l-attitudni nisranija quddiem it-tbatija, l-inġustizzja u l-ħażen. Anzi t-tweġiba ta' Ġesù quddiem is-sitwazzjoni tiegħu ta' moħqrija, żebblieħ u tislib barra l-belt kienet pożittiva u mimlija tilja tama: **"u wara tlitt ijiem iqum mill-mewt"** (Mk 10:34; ara Mt 20:19; Lk 18:33). Ġesù jafferma li kien se jwettaq dan sa minn meta kien igħix fostna. **"Ħottu dan it-tempju, u ti tlitt ijiem nerġa' ntellgħu"** (Ġw 2:19). Ġesù kien mija fil-mija żgur minn dan il-prinċipju li San Pawl jgħallimna fl-ittra tiegħu lir-Rumani: **"Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb"** (Rum 12:21). Sa minn fuq is-salib Ġesù kien diġà rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub għax għex fil-milja tagħha u ħalla bħala testment tiegħu l-imħabba lejn l-għedewwa. **"Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu"** (Lq 23:34). Dan l-att ta' mħabba erojka ssokta jiddisponieh għal dak li l-Missier kien se jwettaq fih: il-qawmien minn bejn l-imwiet. Il-qabar vojt kien l-aħħar kelma għall-vjolenza, l-inġustizzja u l-qtil mill-għedewwa tiegħu.

Aħna wkoll imsejħa biex bħal Ġesù nwieġbu bl-imħabba għall-ħażen li nirċievu. U l-Missier iqajjimna u jqawwina fis-sitwazzjonijiet diffiċli tagħna hu, bis-saħħa ta' Ġesù li qam minn bejn l-imwiet u ħelisna mill-ħabs tal-ħażen. Kif igħid Papa Ġwann Pawlu II, **"Ma għandniex niddispraw. Aħna l-poplu tal-Għid u l-Alleluja hija l-għanja tagħna"**. Ħalli l-għanja tal-Għid tagħna toħroġ f'għemejjel tad-dawl fejn Kristu jsaltan rebbieħ fuq il-mewt u l-ħażen. L-aħħar kelma tagħna hija… Alleluja!

**L-Għid it-Tajjeb** •

# BAQAR TA' BASAN



## Lin-nisa ta' Samarija l-profeta Għamos sejħilhom "Baqar ta' Basan".

### Għaliex sejħilhom hekk?



Din il-mistoqsija tistedinna nidħlu fil-fond tal-messaġġ ewlieni tal-ktieb ta' Għamos. Nitilqu minnha biex naraw ftit x'ried jgħid il-profeta għall-Iżraelin li lilhom kiteb fi żmienu, u nifhmu wkoll li kliemu jgħodd għalina wkoll li ngħixu llum.

Għamos hu l-profeta ta' dik il-virtù li llum insejħulha **"l-Ġustizzja Soċjali"**. Tikkonsisti u titħaddem bit-trattament ġust u xieraq tal-bnedmin bejniethom, fir-rispett lejn xulxin bħala bnedmin kollha mzejnin bl-istess dinjita, fl-istima tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li għandu jgawdi kull bniedem. Dan l-atteġġjament għandu jsaltan fost il-bnedmin ikunu ta' liema kundizzjoni soċjali jkunu bla differenza bejn kbar u żgħar, qawwija u dgħajfa, għonja u fqar. U dan skond il-liġi ta' Alla u l-pjan tiegħu għas-soċjetà tal-bnedmin, imfissrin taħt it-titlu ġenerali tas-seba' kmandament: **"La tisraqx"** (Dt 5:19).

Il-ksur ta' dan il-kmandament kien il-ħajja ta' kuljum għall-kbarat, l-għonja u s-setgħana tas-saltna ta' Iżrael fi żmien Għamos. U għalhekk dan il-profeta, imnebbaħ minn Alla, mar fosthom ixandrilhom il-kelma tal-ġustizzja tiegħu. Għamos ma kienx minn Iżrael, jiġifieri, mis-saltna ta' fuq. U lanqas kien xi profeta professjonali. Kien ragħaj minn



*Il-profeta Għamos.*

Tekugħa fis-saltna ta' Ġuda, is-saltna ta' Isfel. Imma l-Mulej lilu għażel u sejjaħ biex imur iwassal il-kelma tiegħu lill-kbarat u lill-għonja tas-saltna ta' Iżrael. Kien fi żmien is-Sultan Ġeroboġħam II (786 – 746 QK), wieħed mill-agħar slaten ta' Iżrael. Materjalment Ġeroboghan ġieb lill-pajjiż 'il quddiem ħafna, kisbiet tal-estenzjoni tal-art, bini ta' lussu għall-kbarat u kull xorta ta' progress materjali (2Slat 14:25; Għam 3:15). Imma l-ħajja reliġjuża u morali kienet mill-agħar u kienet qiegħda tnawwar minn ġewwa l-ħajja tal-pajjiż. Il-ftit kbarat u l-għonja kisbu taħt idejhom il-ġid tal-pajjiż u bis-saħħa tal-għana ħakmu fuq il-fqar u għakksuhom b'kull mod li setgħu. Kienu jħaddmuhom u ma jħallsuhomx, jgħassruhom b'imgħax għoli, jgħasruhom u jeħdulhom kull ma' kien ikollhom.

**"Biegħu l-bniedem ġust għall-fidda, u l-fqir għal żewġt iqrieq; saħqu ras l-imsejkna mat-trab tal-art, u għawwġu t-triq tal-umli"** (Għam 2:6-7). **"Nies li jrekknu l-vjolenza u s-serq fil-palazzi tagħhom ... li jixxaħxħu fl-irkejjen tad-divani u s-sufanijiet ta' Damasku."** (3.10, 12). B'dan il-kliem u bi kliem ieħor bħalu l-profeta Għamos kien iċanfar lill-kbarat ta' Samarija. U kliemu kien qawwi u iebes, leħnu jriegħed bħal ta' ljun qalil.

**"L-iljun se jriegħed fil-foresta, jekk ma jsibx priża? Il-ferħ tal-ljun se jsemma' leħnu fl-għar tiegħu, jekk ma jkun qabad xejn?"** (3:4). **"Il-Mulej iriegħed minn Sijon, u jsemma' leħnu minn Ġerusalemm; tbielet il-ħdura tal-mergħat tar-rgħajja u nixfet il-quċċata tal-Karmel"** (1:2). Imbagħad idur għan-nisa tal-kbarat tas-Samarija u jagħtihom erba' kelmiet ta' profeta aħrax li kien. Kien hawn li għajjarhom **"baqar ta' Basan"**.

*Id-daħla tal-belt.*



**"Isimgħu din il-kelma, intom baqar ta' Basan, li qegħdin fuq il-muntanja ta' Samarija. Intom li tgħakksu lill-imsejknin u taħqru l-fqar; li tgħidu lil żwieġkom: 'Ġibulna x'nixorbu!' Sidi l-Mulej ħalef bi qdusitu: Arahom, ġejjin jiem fuqkom u jeħdukom bis-snanar u bil-foxxni l-aħħar fostkom, u toħorġu mit-tiċrit tas-swar, waħda wara l-oħra"** (4:1-3).

Basan kien l-isem tal-pjanura kbira fuq in-naħa l-oħra tal-Palestina; kienet tibda minn taħt il-muntanja Hermon u tinfirex sewwa 'l-isfel sa nofs l-art. Kienet art għammiela ħafna. L-imrieħel tagħha kienu mitmugħa sewwa għax kienu jsibu mergħat tajba. Għalhekk kienu jkunu qawwijin u b'saħħithom. **"Il-barrin ta' Basan"** kienu msemmijin għas-saħħa u l-qilla tagħhom (Salm 22:13; Ezek 39:18; Mik 7:14).

Hekk ukoll **"il-baqar ta' Basan"**. Kienu mitmugħa tajjeb, qawwijin u sħaħ, ħoxnin u tqal; bit-toqol li kellhom lanqas kienu jifilħu jimxu; jieklu u jixorbu u jintelqu fl-art għall-mistrieħ. Fil-baqar ta' Basan il-profeta Għamos ra xbieha tajba tan-nisa tal-għonja u l-kbarat ta' Samarija. Huma wkoll kienu jgħumu fil-ġid li żwieġhom kienu jkaxkrulhom lejn djarhom minn dak li kienu jisolħu minn fuq dahar il-foqra; kienu jieklu u jixorbu bl-abbundanza u bla ħsieb ta' dieta; kienu tqal, ħoxnin u għażżenin. Altru li baqar ta' Basan! •



*L-altar u l-għoġol tad-deheb.*



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

**F'din il-kullana, inħoss li m'iniex nagħmel ħaġa oħra għajr innizżel bil-miktub dak li jkun għaddej minn żmien għal żmien minn moħħ il-qarrejja stess. Almenu hekk inħoss li qiegħed jiġri. Ma nafx x'inhi l-opinjoni tiegħek dwar hekk. Ħa naraw hux veru dak li għadni kemm għedt.**

## TWITTIJA TAT-TRIQ

Ninsabu f'soċjetà li fiha diżgrazzjatament ħafna nies tilfu l-biża' ta' Alla. Ma jimpurtahomx mil-liġi qaddisa tiegħu. Qalbhom simnet, kif jgħidu l-Kotba Mqaddsa (S.119È118É:70; Is 6:9-10; Mt13:15). Waslu biex jagħmlu anki dak li saħansitra jwaħħax, anki jekk taħseb biss ftit fuqu, aħseb u jara jekk ifettillek tagħmlu (Mk 7:22).

Fil-lista tad-dnubiet hemm dawk li huma gravi u hemm dawk li huma iżjed gravi. Dawk li huma iżjed gravi x'aktarx li huma frott qares ta' dawk li huma gravi. Huma l-konsegwenza tagħhom.

Fi żmienna nħolqot mentalità kontraċettiva. Ħalaqha ħafna diskors żejjed. Ħalaqha ħafna



tambir fuq il-mezzi tax-xandir, speċjalment permezz ta' ċerti reklami fuq it-televixin favur il-condom, il-coil kontraċettivi oħrajn. Xerrduha forsi mhux intenzjonalment ċerti studji demografiċi, bħalma kien il-Malthusjaniżmu (Malthus kien pastor Protestant), li kien ħoloq allarm fuq l-esplużjoni tal-popolazzjoni dinjija. Ħalqitha anki ċerta reazzjoni qawwija kontra l-enċiklika tal-Papa Pawlu VI fuq il-kontroll tat-tfal, enċiklika li llum inħarsu lejha bħala profetika.

Imma l-iżjed li ħolquha ditti farmaċewtiċi kbar fl-Amerika, Kanada, Indja, Awstralja... Tant bdew idaħħlu flejjes kbar mill-ewwel devices kontraċettivi, li setgħu jkomplu jisperimentaw il-ġdid, sakemm waslu biex jivvintaw u jiskopru metodi dejjem ġodda ta' kontraċezzjoni. Fost dan ta' min isemmi l-pillola tal-ispiżjar Awstrijak Carl Djerassi (ritratt) ta' fama internazzjonali. Dan flimkien ma' tliet xjenzjati oħrajn għen fil-produzzjoni tal-pillola kontraċettiva li kontra qalbu, sfat bħala katastrofi demografika.



*Carl Djerassi*

B'kontraċezzjoni nifhmu toħloq xi ħaġa: strument, oġġett jew metodu li tista' tilbsu, ixxommu, tidilku, tibilgħu, jew tħalli infermiera jew tabib jinjetta jew ipoġġilek apparat ċkejken fuq drieghek, jew inkella ssirlek operazzjoni ta' sterilizzazzjoni jekk inti mara, jew vasektomija jekk inti raġel.

Naħseb li maż-żmien mentalità kontraċettiva tista' ġġib magħha bħala konsegwenza mentalità abortiva. Il-qabża milli timblokka

t-tnissil għalli toqtol it-tnissil li jkun sar hija qasira. Il-bniedem isir ħażin sensim sine sensu, bil-mod il-mod, pass wara l-ieħor, ħafna drabi mingħajr ma jintebaħ. Ħaġa twitti t-triq għall-ħaġa oħra mhux malajr, imma biż-żmien. Illum tagħlaq għajnejk għal ħaġa u għada tagħlaq għajnejk għal oħra. Kemm se ddum tagħmel hekk. Fl-aħħar tidra. Il-bniedem hekk magħmul.

Inti nqbatt f'mentalità kontraċettiva li forsi wasslitek biex issa wasalt biex tinqabad f'mentalità abortiva? Abbiss isejjaħ abbiss ieħor iżjed għammieq minnu. Ma hemmx x'tagħmel ħlief li toqgħod attent, biex ma tinqabadx fin-ngħassa.

**Mulej, żommni għassa fuqi nnifsi, biex ma ninqabadx fi dnubiet waħxin, orribbli u koroħ ħafna.**

## MOĦĦ B'MORALITÀ DEJQA?

Il-bniedem li jkun inqabad f'ċerti dnubiet serji ma jħobbx lil min joqgħod jidħollu fil-kuxjenza tiegħu u jdejjqu. Ma tantx huwa kapaċi jġorr ħafna realtà mill-ħajja tiegħu. Id-dnub li jagħmel u li qiegħed jgħix fih, iżjed ma jżommu 'l isfel fil-ħajja tiegħu, iżjed aħjar. Ma jipperemtti 'l ħadd joqgħod itellagħhulu fil-wiċċ ta' ħajtu, inkella jiħmar u jiġi xprunat biex ibiddel il-ħajja ħażina tiegħu. Dan kollu għalih huwa xogħol antipatiku, għax jitlob impenn, għassa fuqu nnifsu, sagrifiċċju u mewt.




Qed jiġri (fuq ix-xogħol, fil-ħajja soċjali u ċivili, f'postijiet ta' divertiment...) li, malli xi wħud li jkunu sfaw vittma ta' ċerti dnubiet (serq, abbużi fl-għerusija u fiż-żwieġ, tbagħbiż fl-arloġġ tal-ilma u tad-dawl, inġustizzji soċjali fin-negozju...) jisimgħu 'l xi wħud jitkellmu skond is-sewwa ta' Alla malajr joqomsu, jitnaffru u jħarsu bl-ikraħ lejn dak li jkun jekk ma jibdewx jobgħoduh wkoll! Hawnhekk jiġi waħdu quddiem għajnejna kliem l-awtur tal-ktieb tal-Proverbji: **"Min iwissi lill-insolenti, jaħbatlu ħażin,/min iwiddeb il-ħażin, jaqla' t-tagħjir./ Twiddibx lill-insolenti, għax jobogħdok;/ widdeb l-għaref, u jħobbok"** (9:7-8).

Issa ġiet ivvintata espressjoni. Tgħid: **"Dan kemm inti dejjaq? ... "Kemm inti dejqa?"** Flok jammiraw lil dak li jkun u jgħidulu: **"Inti tal-affari tiegħek ... Inti serju... "Inti ma hawnx għalik", "Grazzi talli ftaħtli għajnejja u tridli l-ġid veru"**, le jippruvaw iwaqqgħuh għaċ-ċajt biex jostru, minn għalihom, il-ħażen ta' ħajjithom. Ara fejn waslu xi wħud! Ara ftit kemm jobogħdu lilhom infushom! Meta se jiftħu għajnejhom u ma jkomplux jgħixu fl-ingann? •



**Mulej, beżgħidni dejjem mill-qerq li tgħidx kemm jiġbidni biex ningwala miegħu.**






# ĦSIBIJIET FUQ SAN PAWL (8)

# "INTOM, NISA MIŻŻEWĠA, OBDU LIL ŻWIEĠKOM ... INTOM, IRĠIEL MIŻŻEWĠA, ĦOBBU N-NISA TAGĦKOM"

(Kol 3:18-19)



Waħda mit-temi sbieħ li l-Appostlu San Pawl imiss fl-Ittri tiegħu hija dik taż-żwieġ u l-familja. Meta Pawlu jitkellem fuq hekk, huwa qatt ma jitkellem fuq ir-raġel biss jew fuq il-mara biss, imma dejjem fir-rabta tar-raġel ma' martu, u l-mara fir-rabta tagħha ma' żewġha, bħala tnejn li għandhom obbligazzjoni lejn xulxin. Hemm żewġ testi importanti li jixxiebhu li jitkellmu miż-żwieġ u dawn insibuhom fiż-żewġ Ittri li jixbhu lil xulxin, u li mhux kulħadd jaqbel li ħarġu mill-pinna tal-Appostlu Pawlu.

L-ewwel silta hija meħuda mill-Ittra lil Kolossin 3:18-22: **"Intom, nisa miżżewwġa, obdu lil żwieġkom, kif għandu jkun fil-Mulej. Intom imbagħad, irġiel miżżewwġa, ħobbu n-nisa tagħkom, u tkunux iebsa magħhom. Intom, tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom f'kollox, għax dan hu li jogħġob lill-Mulej. Intom, missirijiet, la ddejjqux lil uliedkom għax inkella jistgħu jaqtgħu qalbhom. Intom, ilsiera, isimgħu f'kollox mis-sidien tagħkom bnedmin."**

Hawn għandna pattern ta' kif kienet tkun iffurmata l-household (il-familja) f'dak iż-żmien: ir-raġel, il-mara, l-ulied, l ilsiera. F'din is-silta, San Pawl qed jordna lin-nisa UBBIDJENZA lejn żwieġhom. Ma rridux ninsew li hawnhekk qegħdin f'kultura tal-ewwel seklu fejn in-nisa mhux dejjem kellhom id-drittijiet li għandhom llum. Imma jekk lin-nisa Pawlu qed jitlob minnhom ubbidjenza lejn żwiegħom, minn żwiegħom huwa qed jitlob xi ħaġa akbar: **"HOBBU lin-nisa tagħkom."**

It-tieni silta hija meħuda mill-Ittra lill-Efesin fil-kapitlu ħamsa. Dak li rridu ninnutaw hawn hija li din is-sezzjoni tal-Ittra li titkellem fuq iż-żwieġ hija intenzjonata bħala parti mill-argument ta' Pawlu biex juri kif l-insara għandhom iġibu ruħhom f'din id-dinja b'mod li jiddistingwu ruħhom mill-mod kif kienu jgħixu l-pagani. Hawn San Pawl l-ewwel jibda l-argument tiegħu billi jippreżenta l-għaqda bejn Kristu u l Knisja bħala mudell għall miżżewġin. **"Oqogħdu għal xulxin fil-biża' ta' Kristu. Intom**

**in-nisa oqogħdu għal żwieġkom bħallikieku għall-Mulej, għax ir-raġel hu ras il-mara, bħalma Kristu hu ras il-Knisja, is-salvatur tal-Ġisem tiegħu. Għalhekk bħalma l-Knisja toqgħod għal Kristu, hekk ukoll in-nisa għandhom joqogħdu għal żwieġhom f'kollox"** (Efes 5:22-24). Mela mill-ġdid f'din is-silta, San Pawl qed iħeġġeġ lin-nisa biex jidħlu f'atteġġjament ta' UBBIDJENZA lejn żwieġhom. Din id-darba, iżda, San Pawl jagħti tifsira teoloġika: bħalma l-Knisja toqgħod għal Kristu, ir-ras tagħha. Din l-idea ssib l-għeruq tagħha fit-Testment il-Qadim, fejn Alla jidħol f'Patt mal-poplu ta' Iżrael, u Iżrael isir bħal mara għal Alla, mara li wegħdet ubbidjenza u lealtà lejn żewġha (Alla). Biżżejjed jekk naqraw il-ktieb ta' Hosea.

Lill-irġiel, Pawlu, imbagħad jgħidilhom: **"Intom, IRĠIEL, ĦOBBU n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil tal-ilma u l-kelma, u biex iressaqha quddiemu, din l-Knisja, sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd"** (Efes 5:25-27). Mill-ġdid San Pawl qed jippreżenta eżortazzjoni sabiex l-irġiel **"iħobbu"** lil marthom u mhux JIKKMANDAWHOM. U hawn ukoll jagħti raġuni teoloġika: kif Kristu ħabb lil Knisja billi ta ħajtu għaliha.

X'ifisser mela tati ħajtek għal xi ħadd li tħobb? Pawlu jwieġeb għal din il-mistoqsija meta jħeġġeġ biex l-irġiel iħobbu lil marthom bħalhom infushom: **"Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru - qed ngħid għal Kristu u għall-Knisja - huwa Kbir! Għalhekk intom ukoll, kull wieħed minnkom, għandu jħobb lil martu bħalu nnifsu, u**



**l-mara għandha ġġib rispett lil żewġha"** (vv 31-33). Hawnhekk Pawlu qed jagħti l-oriġini divina taż-żwieġ billi jikkwota direttament mill-ktieb tal-Ġenesi. Iż-żwieġ jagħmel parti mill-pjan ta' Alla għal bniedem, proverbju li Ġesù stess juża meta jitkellem fuq ir-rabta taż-żwieġ li ma tinħalx.

Kif se tissarraf din l-imħabba bejn ir-raġel u l-mara li minnha jitkellem San Pawl f'dawn it-testi? Biex inwieġbu għal din il-mistoqsija rridu niftakru f'żewġ siltiet oħra li kiteb San Pawl. L-ewwel, 2Fil 1-5 - **"Aħsbu bħalma kien jaħseb Ġesù." L-Appostlu Missierna jipproponilna lil Ġesù Kristu bħala l-mudell tal-imħabba vera. Li jkollna, mela s-sentimenti ta' Ġesù Kristu jagħmilna nixbhu lilu. Din hi l-ħajja ġdida, il-bidla fi Kristu, li Pawlu kontinwament iħambaq fuqha fl-Ittri. Imbagħad ikompli jgħidilna San Pawlu: "Hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadtx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir, sar jixbah lill-bniedem, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi OBDA sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib"** (vv 6-8).

Ġesù kien Alla u sar XEJN, u f'relazzjonijiet taż-żwieġ faċli li neqilbu dan il-kliem: aħna li aħna XEJN, xi drabi naħsbu li sirna allat! Meta xi ħadd jgħolli rasu fuq il-mara/raġel, hemm inkunu qed nitbegħdu mis-sentimenti ta' Ġesù li minnu qed jitkellem San Pawl, u meta jiġri hekk, tidħol is-suppervja f'kuntrast ma' l-umiltà li tagħha Ġesù ħallielna eżempju.

Dan iġibna għat-tieni silta importanti li tinqara ħafna fit-tiġijiet. 1Kor 13, 1-8: **"Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u tal-anġli bla ma kelli l-imħabba, kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti jċekċku. U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-għerf kollu, kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li nqanqal il-muntanji, imma ma kellix imħabba, jiena ma kont inkun xejn. U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli l-imħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid. L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn, ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha; xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt."**

Kliem bħal dan irid jgħinna ngħarblu kif qed tiġi mgħixa r-relazzjoni ta' mħabba bejn tnejn miżżewġin, imħabba li ħafna drabi titlob sagrifiċċji kbar, kif jgħid San Pawl, li l-imħabba **"ma tfittix dak li hu tagħha."** Huma biss dawk li qed jgħixu dan il-kliem. Min jemmen fl-imħabba vera, jaf kemm għandu raġun Pawlu! •



Patri, jiena mara miżżewġa nħossni moħlija fil-ħajja, dejjem qalbi sewda, dejjem nibki, dejjem iddisprata. Nistqarrha bla tlaqliq ta' xejn li ma kontx bl-għaqal biżżejjed tul iż-żwieġ tiegħi. Għamilt ħmerijiet li stajt evitajthom. Ir-raġel kien induna u nbidel miegħi għalkollox tant li nista' ngħid li ma għandix raġel. Din is-sitwazzjoni lili qiegħda tkiddni wisq. Issa qbadt drawwa li noħroġ fil-gallerija u noqgħod inħares lejn miżżewġin għaddejjin labranzetta flimkien, nimtela' ngħir għalihom u nixtiqilhom id-deni, meta narahom kuntenti flimkien, mhux bħali, dejjem waħdi. Tgħidx x'rabja taqbadni. Il-fatt li qiegħda ngħix ma' raġel li ma jridx jaħfirli qiegħda tagħtini ġewwa, ma niflaħhiex iżjed. Veru żbaljajt meta ma kellix bl-ebda mod nagħmel hekk, imma għax ġara hekk issa għandi nbati għomri kollu? X'taħseb?

# Patri William iwieġeb...

*X'naħseb? Taf x'naħseb li mara magħmula għandha tkun kapaċi tqis il-konsegwenzi ta' għemilha qabel ma tfattarha. La inti mara miżżewġa kien imissek qgħadt attenta biex ċerti żbalji ma jiġrux fil-ħajja tiegħek. Nifhem li inti m'intix perfetta, li inti ġarra tal-fuħħar bħal ħaddiehor. Imma hemm ċerti żbalji fil-ħajja tal-mara li raġel miżżewweġ kapaċi jagħlaq għajnejh fuqhom anzi jista' jidħak fuqhom. Imma hemm żbalji oħrajn fil-ħajja ta' martu li mhux la kemm ma jagħtix kashom u ma jġagħluhx jieħu ċerti deċiżjonijiet.*

*Jekk inti għamilt ċerti nuqqasijiet fil-ħajja miżżewġa tiegħek li mhux suppost kellek tagħmilhom issa trid tbati l-effett tagħhom fuqek. Ċerti dnubiet fiż-żwieġ ir-raġel mhux se jaħfirhomlok kif ġieb u laħaq, speċjalment jekk ikun wieħed duttur, sensittiv, joffendi ruħu malajr, akkanit għall-fedeltà fiz-zwieġ, ġeluż bil-kif għall-mara tiegħu... Raġel magħmul hekk żgur jieħu għalih sew, jekk il-mara tagħmillu xi bużżullotta minn taħt u jaqbadha.*

*Ipermettili. Minn dak li ktibtli tidher li għandek bżonn timmatura emozzjonalment. Proprjament qiegħda tagħmel affarijiet li la jirriflettu l-età li għandek u lanqas il-fatt li inti mara miżżewġa. Proprjament qed tagħmel affarijet li lanqas tifla ma tagħmilhom, aħseb u ara mara miżżewġa bħalek. Flok toqgħod tħares mill-gallerija lejn koppji miżżewġin li jidhru kuntenti flimkien, toqgħod tgħir għalihom u tistmellhom, mhux aħjar tqum waħda fuqek tiegħek u tipprova terġa' tiġbed ir-raġel lejk, billi tagħtih x'jifhem li inti mmaturajt? Naħseb li hawn qiegħed ir-rimedju għall-fejqan taż-żwieġ tagħkom. Id-dmugħ speċjalment tan-nisa - huwa l-iżjed ilma li jixxotta malajr. Mhux se jċaqalqu lir-raġel. Il-qalb sewda u d-disperazzjoni lanqas ma huma se jħallu effett pożittiv fuqu. Imma meta jinduna li qiegħda timmatura tassew fil-ħajja tiegħek, allura iva tista' tħarrku u tieħu minn għandu dak li darba tkun tlift minħabba n-nuqqas ta' ħsieb tiegħek.*

*Ir-raġel tiegħek, aktar u aktar jekk ikun bniedem li kontinwament ikun qed jimmatura f'ħajtu, ma jiħux pjaċir jagħmilha ma' mara l-oppost tiegħu. Din il-verità inti intelliġenti biżżejjed biex tifhimha. Naħseb li iżjed jistgħu jagħtuh fastidju l-vavati li qed tagħmel, ibqa' ċerta li m'humiex jaħarbulu, milli l-ftit żbalji serji li għamilt. Dawn maż-żmien isir kapaċi jaħfirhomlok, imma li tibqa' mmatura emozzjonalment, din il-ħaġa ma jaħfiriek qatt, iżjed u iżjed illum il-ġurnata. Agħtih prova li ini qomt fuq tiegħek u tara kif toħroġ mis-sitwazzjoni li stedint b'idejk stess.* •



# L-AZZJONI STRAORDINARJA TAX-XITAN (6)

**Jistgħu jkunu diversi l-fenomeni li jseħħu meta jkollok azzjoni straodinarja mix-xitan. Jien se nsemmi xi ftit minnhom. Iżda nistieden lil kull min qed jaqra biex ma jaqax fl-iżball li jaħseb li dawn il-fenomeni jridu jseħħu kollha f'daqqa u fl-istess każ. Il-valur ta' dawn il-fenomini huwa biss wieħed indikattiv, fis-sens li huma jistgħu biss jagħtuna indikazzjoni jekk il-persuna hix vermanet maħkuma mix-xitan jew inkella hemmx problemi oħra emozzjonali jew psikoloġiċi. Però iċ-ċertezza dwar il-vera jew falza possessjoni tikber meta f'dak il-każ partikolari jkollna l-preżenza ta' aktar minn wieħed minn dawn is-sintomi.**

### 1. Il-persuna titkellem jew tifhem lingwi li qatt ma studjat

Kultant jiġri li,waqt li persuna tkun qed tiġi eżorċizzata tibda titkellem b'mod perfett b'lingwi li qatt ma tkun studjat qabel. Dawn jistgħu jkunu kemm lingwi moderni u anki antiki. Minkejja li l-persuna qatt ma tkun studjat dawn il-lingwi tagħmel diskors koerenti u ordnat u jekk min ikun preżenti jitkellem dawn il-lingwi, tkun kapaċi tifhem u twieġeb. Ħafna eżorċisti għaddew mill-esperjenza li waqt li kienu qed jitolbu jew jużaw il-forma imperattiva tal-eżorċismu bil-latin jew b'lingwa li l-persuna ma tafx, huma jirċievu risposti formulati b'mod perfett bl-istess lingwa. Il-ħaġa li tissorprendik hija li kultant dawk it-talbiet ikunu saru biss mentalment u mhux verbalment. (G. Nanni, Il dito di Dio e il potere di Satana. p.289). Kultant jiġri wkoll li l-persuna mhux biss titkellem dawn il-lingwi, imma saħansitra tiktibhom b'mod awtomatiku u b'ħeffa.

### 2. Il-persuna tkun taf fatti jew ħwejjeġ li huma mistura għaliha

Waqt manifestazzjoni x-xitan, permezz tal-persuna maħkuma, jista' jiżvela xi ħwejjeġ li huma sigrieti jew saħansitra xi dnubiet mistura tal-persuni li jkun hemm preżenti. Jista' jsejjaħ b'ismu lil xi ħadd skonoxxut għall-persuna maħkuma, imma li jkun preżenti fil-kamra. Jista' jgħid fatti moħbija jew minsija minn dawk preżenti, li l-persuna maħkuma ma setgħetx tkun taf qabel. Jista' jiżvela xi fatti li jkunu qed jiġru dak il-ħin, imma f'xi post ieħor 'il bogħod jew xi ħaġa li ġrat fil-passat. Jista' jikkwota siltiet sħaħ minn kotba li l-persuna qatt ma tkun qrat jew semgħet bihom. Jista' jiddiskuti temi teoloġiċi għoljin, li l-persuna maħkuma mhix kapaċi li tagħmel. Pereżempju: persuna li ma tkunx spiritwalment iffurmata u jkollha għarfien reliġjuż skars u superfiċjali, imma li dak il-ħin tibda titkellem fuq temi teoloġiċi. Forsi tistaqsu: jista' dan ikun ġej għax il-persuna tkun tbati minn skiżofrenija? Le. Għaliex il-persuna skiżofrenika timmanifesta biss dak li jkun 'maħżun' fis-subkonxju tagħha jew fil-memorja tagħha. (G. Nanni, Il dito di Dio e il potere di Satana, p.272).

Francesco Bamonte li huwa Eżorċista f'Ruma jirrakonta li kultant meta jiġi quddiemu xi każ ġdid ta' possessjoni, wara li jkun talab għal diversi ġranet lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinu jagħmel dixxerniment tajjeb, juri lill-persuna oġġetti, bħal kuruni, domni, slaleb żgħar u oħrajn li jkunu jappartjenu lil xi ħadd li dik il-persuna żgur li ma tkunx taf, jikkmanda f'isem Ġesù biex l-ispirtu jgħidlu ta' min huma dawk l-oġġetti u wara li x-xitan jagħmel reżistenza biex ma jirrispondix, huwa jgħidlu l-isem eżatt tal-persuni li tagħhom ikunu dawk l-oġġetti. •





ĦAJJA TAL-PAPA

# JOSEPH U CHICO (9)

Maqlub għall-Malti minn Emily Barbaro-Sant
Storja ta' Jeanne Perego
Disinji ta' Donata Del Molin Casagrande
Introduzzjoni minn Don Georg Gänswein
Stampat mill-Messaggero di Sant'Antonio

F'dak iż-żmien, il-Papa kien qed ifittex persuna bħala kap ta' ufficċju importanti fil-Vatikan. Għidli int, min taħseb li ġie msejjaħ? Joseph ovvjament. Fl-1981, il-Papa nnominah Prefett, jiġifieri kap ta' dak l-ufficċju. U f'dak iż-żmien bdiet il-kollaborazzjoni, u wkoll il-ħbiberija, bejn Joseph u l-Papa Wojtyla.

Ftit imdejjaq għax kellu jitlaq l-art li fiha twieled u għex, imma ferħan għall-ħatra ġdida tiegħu, Joseph telaq lejn Ruma.

Hemmhekk ħadem kemm felaħ; kiteb kotba u artikli, ipprepara dokumenti, ta lezzjonijiet u mexxa konferenzi, organizza laqgħat ma' persuni importanti, studja, tkellem, sema', u qara, qara u qara kemm felaħ. Meta kien ikun għajjien ħafna, kien jiġi u jistrieħ ħdejja, u jiena meta kont nara x-shutter imtella', kont ninduna li kien ikun wasal. Kont nitlaq niġri u nidħol f'saqajh. Kienu mumenti sbieħ li għaddejna flimkien.



Kull tant kont nagħmel xi brikkunata minn tiegħi. Tant li darba, kien fil-Milied, griftu. Ried jibgħatni barra mid-dar għall-arja, imma jiena ma ridtx nitlaq minn fejn kont għas-sħana fuq is-sufan tiegħu, u ħriġt dufrejja għalih biex nurih x'razza ta' qattus kont jien. Ħafirli mill-ewwel: **"Terġax tagħmel hekk, imma"**, qalli, u lis-sidien tiegħi qalilhom biss li kont ftit imqareb.

Fit-2 t'April 2005, il-Papa Wojtyla miet. Joseph iddispjaċih ħafna għax dakinhar tilef l-akbar ħabib li kellu, barra li tilef ukoll il-kap tiegħu. Biex jiċċelebra l-funeral fi Pjazza San Pietru, kien proprju Joseph, li f'dak iż-żmien kien responsabbli mill-kardinali kollha. Biex jisimgħu kliemu kien hemm mat-tliet miljun ruħ, filwaqt li aktar minn disgħin stazzjon televiżiv mid-dinja kollha, xandru b'mod dirett.

Hemm qawl li jgħid: **"Imut Papa u jilħaq ieħor"**. Hu ta' dwejjaq, imma hekk ġara. Wara funeral ta' Papa trid taħseb biex jilħaq ieħor, għax il-Knisja ma tistax tibqa' mingħajr xi ħadd li juriha t-triq li trid tgħaddi minnha. Biex jiddeċiedu min se jkun il-Papa l-ġdid, il-kardinali kollha nġabru fil-Kappella Sistina u ma setgħux joħorġu qabel jaqblu min jista' jieħu l-post daqshekk importanti. Huwa veru li jistgħu jieklu, jixorbu, jorqdu u anki jaħsbu fil-qattus tagħhom (jekk daqshekk fortunati li għandhom wieħed), imma ma jistgħux jitilqu lejn pajjiżhom qabel ma jkunu għażlu Papa ġdid. Biex juru lil min iridu jtellgħu, il-kardinali jiktbu l-isem fuq karta tal-vot, imbagħad ilkoll flimkien jaraw jekk hemmx xi kandidat li ġab l-akbar numru ta' voti. Jekk ikun il-każ, il-voti jiġu maħruqa biż-żieda ta' trab speċjali li bih id-duħħan li joħroġ miċ-ċumnija ta' fuq il-bejt tal-Vatikan fi Pjazza San Pietru, ikun abjad. Jekk ma jkunx intlaħaq ftehim, jitqiegħed kwalita ta' trab li bih id-duħħan joħroġ iswed,

Is-sħaba ta' duħħan abjad li biha sar magħruf lid-dinja l-għażla tal-Papa l-ġdid, dehret fid-19 t'April 2005 tard wara nofsinhar, x'ħin kont se niekol. Is-sidien tiegħi, bħal kulħadd, kienu mwaħħla mas-sett tat-televizjoni. **"Il-lejla addio gallettini"** ħsibt bejni u bejn ruħi.

Kont qed inħares jiena wkoll lejn it-televiżjoni meta dehrli li rajt duħħan abjad li kellu l-forma ta' qattus qed jitbissem.

Imma, forsi, kienet biss il-fantasija tiegħi għax kont bil-ġuħ. •

# IL-BIDU U L-IŻVILUPP TAD-DJOĊESI TA' GARISSA (IV)

## ŻERRIEGĦA ĊKEJKNA BI FROTT KOTRAN (II)

Mill-E.T. Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof ta' Malindi





F'din il-kitba tiegħu, Mons Francis Baldacchino OFMCap, Isqof ta' Malindi u wieħed mill-ewwel Kapuċċini missjunarji fil-Kenja, ikompli jikteb dwar l-esperjenzi tiegħu f'ħidmietu hemmhekk. F'din it-tieni parti jkompli jirrakkonta dwar il-ħidma missjunarja f'Garissa, Wajir, Bura u nħawi oħrajn kif ukoll it-twaqqif tal-Ordni Kapuċċin fil-Kenja.

Fl-1980, meta kont qed nippjana li nkabbar il-preżenza tal-Knisja minn Mpeketoni sa Witu u kont ġà tlabt għal biċċa art f'dawk in-naħiet, jien ġejt trasferit għal Ruiru, barra Nairobi, u hekk 'il bogħod mid-djoċesi ta' Garissa. Meta ġejt lura wara għaxar snin sibna li dik il-biċċa art kienet ġiet mogħtija lill-Knisja. Ħafna bdiewa wkoll kienu akkwistaw biċċa art lejn Kipini. Għalhekk Fr Albert Buijs, tal-Mill Hill Missionaries ipprefera li jissetilja hemmhekk. Meta Fr Albert ġie maħtur Vigarju Ġenerali f'Malindi, Fr Adolph Poll kompla l-ħidma hemmhekk, imma beda jgħix f'Witu fejn bil-mod bena d-dar, knisja tat-tajn u m'ilux lesta d-dar għas-sorijiet Mill Hill, nursery school moderna u knisja permanenti għat-tifkira ta' Fr Joseph Freidenametz li kien mid-djoċesi tiegħu ta' Bolzano, Italja.



Fr Joe Mallia ma setax jgħix f'żona li kien fiha ħafna malarja għalhekk ma damx wisq ma reġa' lura. F'Garissa x-xogħol ma kienx ħafif: il-pompi ta' Boys' Town li kienu jtellgħu l-ilma mix-xmara kienu qed jieqfu spiss, l-aktar matul il-lejl; għalhekk l-għajta hakuna maji (m'hemmx ilma) f'dawk il-waqtiet ħiemda kienet tqabbeż lil Patri Leone u lil Patri Vincent minn soddthom u jerħulha lejn ix-xmara. Xi drabi l-pompi kienu jieqfu għal kollox u Patri Leone kien jitlaq lejn Nairobi (madwar 400 km bogħod fuq toroq imħarbta tal-marram) biex jixtri l-partijiet miksura jew xi waħda ġdida. L-għelieqi bil-bettieħ daħlu fi kriżi għax in-negozjanti bdew ibaxxu l-prezzijiet u fl-aħħar deher li dan il-proġett ma kienx aktar jaqbel li jitkompla.

## ĦIDMA MHUX ĦAFIFA

Garissa qatt ma kienet stazzjon ħafif. It-theddida bla ma taqta' ta' attakki minn ħallelin armati jew shifta ġagħaluna nibnu dar/knisja f'Madogo, ftit 'il bogħod



kif taqsam ix-xmara Tana. Patri Taddew kien għamel il-pjanti, bħal dejjem, u beda x-xogħol. Hu nnifsu b'idejh qiegħed l-ewwel filati bil-blokki tal-konkrit.

Fil-Boys' Town kien hemm madwar 100 tifel ta' kull età li konna nagħtuhom kenn, ikel, ilbies u edukazzjoni. Is-suspett tal-Musulmani li aħna konna qed nikkonvertuhom u nagħmluhom insara dejjem kien hemm.

Il-forniment tal-ilma qatt ma kien stabbli. It-trasport għal Nairobi kien jikkonsisti f'karozza tal-linja kull jumejn u aħjar kull żewġt iljieli! Darba kellna nivvjaġġaw bil-lejl fuq karozza, bil-qegħeda wara s-sewwieq, li la kellha silencer u anqas windscreen! L-ikel, barra dak li kien bażiku, konna rridu nixtruh minn Nairobi meta konna mmorru hemmhekk għal xi qadi.

Filwaqt li l-impjegati ċivili tal-gvern li kienu jiġu trasferiti għax-xogħol f'Garissa kienu jdumu hemm għal żmien qasir ħafna qabel ma jerġgħu jkunu trasferiti mill-ġdid, aħna bqajna hemm.

Meta nqala' ġlied bejn tribujiet li ħalla mijiet ta' nies bla saqaf fuq rashom, Patri Joe Grixti impenja ruħu jibnilhom id-djar. Patri Mawrizju kien mogħti f'ħidmiet soċjali u karitrattivi u fuq kollox bena l-knisja ta' Madogo waqt li Br Joe Vella bena dik ta' St Peter u n-nursery school... kulħadd ħalla l-marka tiegħu. Patri Marċellinu, Patri Joe Alessandro, Patri Silvestru u oħrajn ħadmu ħafna f'Garissa wkoll l-aktar fil-Boys' Town, f'Madogo, u fil-Kattidral. Konna nieħdu ħsieb l-istudenti kattoliċi li kellna fl-iskejjel kollha, twaqqfu l-Komunitajiet Zgħar Insara, kienu jsiru żjarat regolari fil-ħabs u bosta u bosta ħidmiet oħra anki mis-sorijiet Indjani u Kenjani li kellna magħna. Dawn l-aħħar snin, l-istazzjon ta' Madogo u ieħor f'Mororo qrib il-pont qed jieħu ħsiebhom Br John Cassar.

Kemm il-Prefett Apostoliku u warajh ukoll l-Isqof Pawlu Darmanin komplew organizzaw kollox u kienu jsegwu l-ħidmiet kollha u l-istess missjunarji. Diversi voluntieri lajċi minn Malta u minn postijiet oħra kienu ta' ħafna għajnuna f'dawn is-snin. Fost dawn kollha, Josephine Abdilla miż-Żurrieq għaddiet aktar minn 20 sena taħdem u tgħix f'din il-Missjoni.

Qabel ma' Patri Joe Galea lesta d-dar tal-patrijiet fi Mpeketoni, hu kien mitlub imur Hola li hija madwar 200km bogħod minn Mpeketoni għaliex Fr Patrick Whelan kien se jħalli l-istazzjon li ma setax jibqa' bla patri. Għalhekk Patri Joe ta struzzjonijiet lill-bennejja ta' Mpeketoni biex ikomplu u hu kien jiġi minn żmien għal żmien jara x-xogħol u jħallas il-ħaddiema. Kien f'dan iż-żmien ukoll li Patri



Charles Vella ġie l-Kenja u seta' jkompli huwa dax-xogħol. U qabel ma d-dar kienet lesta, hu kien ġa beda jgħix fiha.

## PROGRESS F'WAJIR

Meta Patri Joe Gauci wasal il-Kenja mar Wajir ma' Patri Salvatore Baldazzi, missjunarju tal-Consolata; hekk hu beda jidra l-lingwa, l-użanzi, in-nies u l-ambjent. Meta Patri Baldazzi miet, il-Missjoni għaddiet f'idejh u mexxiha għal diversi snin. Il-voluntiera Taljani Teresa Anna u Anna Lena Tonelli kienu jieħdu ħsieb il-bniet fil-Girls' Town u ċ-Ċentru ta' Rijabilitazzjoni. Ix-xogħol kien tassew iebes: nuqqas ta' sigurtà, ta' ikel, ta' mezzi tat-trasport u anki n-numru żgħir ħafna ta' nsara. F'Wajir l-aktar li ħadmu kienu l-patrijiet Joe Gauci, Ilarju Abela, Crispin Tabone, Leopoldu Tabone u għadd ta' Kapuċċini lokali.

It-tfal orfni kellhom bżonn kollox hemmhekk u l-missjunarji kienu jipprovdulhom kollox ukoll. Il-voluntiera Taljani kienu jippruvaw jiġbru xi għotjiet minn ħbiebhom fl-Italja. L-istess kien isir għaċ-Ċentru ta' Rijabilitazzjoni u l-kolonja tal-morda bil-lebbra.

Normalment, il-gvern kien jinkuraġġixxi din il-ħidma tal-missjunarji; dan baqa' sakemm il-voluntiera Anna Lena involviet ruħha fil-ġlied tribali li fihom kienu mietu xi nies. Hija kitbet dwar dan u kellha titlaq; madankollu hija għażlet li tkompli taqdi lis-Somali f'Mogadishu fejn imbagħad inqatlet minnhom stess! Hija kienet tħobbhom u tat ħajjitha għalihom.

Patri Crispin Tabone ħadem bla heda f'Wajir u ġabu ħafna 'l quddiem, speċjalment il-Girls' Town. Huwa kien jgħin ħafna lil dawk li kienu fil-bżonn l-aktar bil-proġett "Food for Work" (taħdem u titħallas bl-ikel). Flimkien ma' xebba "qaddisa" Francesca Fornaro huwa fetaħ l-istazzjon ta' Modogashe li

kienet tiegħu ħsiebu hija; u flimkien ma' Alex Caruana Soler bena skola sekondarja.

Meta Patri Crispin temm ħidmietu hemmhekk, u wara l-Kapuċċini ma komplewx ħidmithom, il-komunità Spanjola ta' San Pawl bdiet tmexxi l-ħidma f'Wajir, u hija attiva ferm. Il-Girls' Town huwa mmexxi mill-Komunità ta' Sorijiet ta' San Kamillu. Wajir ġa ta lill-Ordni Kapuċċin vokazzjoni għal saċerdot: Patri Moses Mwangi OFMCap.

Illum il-qagħada hija eħfef; it-trasport huwa aħjar, il-provvisti ta' l-ikel jinstabu wkoll u ma għadekx tisma b'attakki tal-ħallelin armati.

## F'WEMA U MADWAR

Patri Teodosju Meli, mal-wasla tiegħu flimkien mal-ewwel grupp, ġie mitlub ikun f'Wema ma' Patri Peter O'Toole. Saħħtu ma tantx għenitu; għamel kull ma seta' fiż-żmien li dam hemm; imma mbagħad reġa' lura Malta. Imma Patri Spiru Galea qatta' l-itwal snin fil-Missjoni proprju f'Wema. Minn barra l-ħidma ordinarja pastorali, huwa għen fl-iskema tat-tkabbir tar-ross, trobbija tal-fniek u tjur. Minn Wema kien imur Garsen u wara kabbar il-ħidma wkoll f'Moa u f'Tarasaa. Wema kienet l-iktar stazzjon li kull missjunarju kien jitwerwer minnu. U dan minħabba x-xmara li kienet tfur, l-għargħar enormi, l-injunfanti, ix-xadini u n-nemus li jingħad **"li kienu jgħaddu anki mill-ħitan solidi!"**. Grajja ta' niket kienet meta xi nomadi li kienu jiġu b'mod regolari fid-dispensarju tal-Missjoni, attakkaw id-dar tas-sorijiet, qatlu lil Sr Agnes u sfat ferita Sr Evelyn. Illum l-affarijiet huma ferm aħjar u n-nies m'għadhomx daqshekk fqar. Il-missjunarji kontemplattivi tal-Qalb ta' Ġesù jaħdmu hemm bla waqfien u n-nies iħobbuhom ħafna. Qrib ukoll hemm il-Little Sisters of St Joseph li għandhom dispensarju, jieħdu ħsieb it-tfal u jgħallmu l-katekiżmu.

Ftit ilu, in-nies kienu qed jistennew prodott tajjeb ħafna tar-ross; hekk setgħu jgħinu fl-iżvilupp tal-inħawi. Iżda f'daqqa waħda l-urugan Nino għarraq l-iskema kollha, waqaf kollox, u kollox sar ħerba. Illum qed isir ħafna diskors biex issir it-tkabbir tal-kannamieli li jista' ġġib eluf ta' ħaddiema minn inħawi differenti tal-pajjiż.

Dak li Patri Spiru Galea beda f'Tarasaa, issa qed jitkompla mill-missjunarji Mill Hill. Dawn bnew stazzjon sewwa; hemm saċerdoti residenti, dar, knisja u dispensarju. Golbanti u Kibokoni llum saru stazzjonijiet huma wkoll. F'Tarasaa hemm l-enerġija elettrika, it-trasport pubbliku u diversi ħwienet. Fit-13 t'April tas-sena l-oħra, is-sorijiet Franġiskani Missjunarji t'Assisi waslu hemm u huma l-ewwel sorijiet li qed jgħixu hemm u jaqdu lin-nies.





Bejn Garsen u Hola hemm l-agħar biċċa triq. Medda ta' 80 km ta' ħamrija b'taħlita ta' tafal (black-cotton soil) li meta tagħmel ix-xita ssir tiżloq daqs is-sapun u tkun twaħħal daqs il-gomma! Fil-fatt hija l-unika biċċa triq bejn Mombasa u Garissa li għad ma ġietx asfaltata.

Meta Patri Spiru Galea kien ġie trasferit għal Hola, fejn għadu sallum jaħdem flimkien ma' Patri Joe Galea, il-ħidma f'Wema tkompliet minn Patri Joe Gauci. Dan ingħata biex jibni l-knisja permanenti li r-raħal għandu sallum. F'Garsen li huwa stazzjon tal-parroċċa ta' Wema, il-Komunità Missjunarja Spanjola ta' San Pawl bnew knisja tassew sabiħa qrib ħafna d-dar tal-patrijiet u mhux ħafna bogħod mill-Uffiċċju tal-Caritas li sa ftit ilu kien l-Uffiċċju għall-Iżvilupp tad-Djoċesi ta' Garissa.

## XIBKA TA' ĦIDMIET KBAR

Patri Joe Galea huwa l-uniku missjunarju li qatt ma ċċaqlaq mill-Istazzjon ta' Hola mill-1976. Għalkemm it-toroq minn u għal Hola ma kienx ħafif li wieħed isuq fuqhom, meta Patri Joe Galea ġie hemm, kien tassew barka t'Alla għax hu għandu bosta doni fit-teknika u l-mekkanika li għenuh jirbaħ bosta diffikultajiet.

Fil-fatt, barra d-dar tal-patrijiet u l-pedamenti, il-kolonni u s-saqaf tal-knisja qadima, dak kollu li hemm ġewwa l-parroċċa ta' Hola, kollox sar li żmienu. Huwa ħa ħsieb jibni xibka ta' kappelel, kura pastorali, ħidmiet soċjali u ta' saħħa fid-diversi rħula. Għal bosta snin hu kien megħejjun mis-Sorijiet **"Ulied il-Qalb ta' Ġesù"**, fosthom Sr Sandra Cassar, Sr Carolina Cassar u Sr Victoria Sant. Meta dawn temmew ħidmiethom, din tkompliet mis-sorijiet ta' St Joseph of Tarbes. Għal bosta snin, flimkien miegħu hemm Patri Spiru Galea li għamel ħafna xogħol kemm fil-qasam agrikolu kif ukoll it-trobbija tat-tjur. Huma ħadmu kważi dejjem man-nies tal-grupp etniku Pokomo li jirrispettawhom ħafna.

F'dawn l-aħħar erba' snin, ingħaqad magħhom Fr José Luis Orpella li qiegħed jiżviluppa l-parroċċa ta' Emmaus, l-ikbar stazzjon ta' Hola. Wenje, li hija żviluppata sewwa, ġiet dikjarata parroċċa u qegħeda f'idejn il-Patrijiet Missjunarji tal-Ispirtu s-Santu.

L-iktar żvilupp kbir minn Hola twettaq meta l-Gvern flimkien ma' din Agenziji ta' Żvilupp bdew il-Proġett ta' Irrigazzjoni f'Bura (Bura Irrigation Scheme). Dan kien mal-ġenb tax-xmara Tana u kien maħsub li jkollu 24 raħal b'nies li jiġu minn inħawi oħra biex jissetiljaw hemm u jikkoltivaw it-tajjar.

Għall-bidu, Patri Joe Galea kien ikollu jivvjaġġja madwar 50 km biex iżur lil dawk l-immigranti li ġew fil-bidu. It-triq kienet ħażina, in-nies kienu ftit u fqar ħafna u kien żmien meta d-djar kienu għadhom kif bdew jinbnew. Billi din kienet żona niexfa, ftit kien hemm biex wieħed jgħix. Imma meta dawk in-nies bdew jiżirgħu t-tajjar li huma bdew isaqqu mill-ilma tax-xmara Tana, l-affarijiet bdew imorru għall-aħjar. Il-ħsad kien tant abbundanti, li nies minn Mpeketoni, Garsen u anki minn Kilifi bdew jivvjaġġjaw lejn Bura fi żmien il-ħsad u wħud anki ssetiljaw hemmhekk.





## IL-MISSJUNARJI TAL-MARYKNOLL

F'dan iż-żmien, minħabba dan il-proġett, uffiċjali tal-Gvern li jaħdmu fl-agrikultura u fl-irrigazzjoni marru hemm; fl-istess waqt xi ħwienet bdew jiftħu wkoll. Il-Knisja kienet minn tal-ewwel li nteressat ruħha u għalhekk inbniet id-dar tal-patrijiet, diversi kappelel u djar għas-sorijiet. Iċ-Ċentru tas-Saħħa kien ikollu ħafna x'jagħmel.

Bosta kienu l-patrijiet u s-sorijiet li ħadmu f'Bura. Ta' min isemmi lill-patrijiet Kapuċċini Joe Galea, Charles Vella, Taddew Schembri, Leopoldu Tabone, Joseph Muscat u Spiru Galea. Bosta mill-bini u knejjes kienu ddisinjati minn Patri Taddew innifsu. F'Bura ħadmu ħafna, imbagħad, il-Patrijiet u s-Sorijiet tal-Maryknoll. Kien hemm ukoll qassisin u voluntieri mid-djoċesi Amerikana ta' Bismark kif ukoll is-sorijiet Afrikani **"Little Sisters of St Francis"**.

Ix-xogħol ma kienx ħafif, imma d-determinazzjoni kienet ukoll qawwija. Il-ħidmiet pastorali tferrxu sewwa u waslu sa Nanigi.

Imma wara l-affarijiet inbidlu. Għal raġunijiet li jafuhom biss l-Awtoritajiet, il-Proġett ta' Irrigazzjoni falla, il-pompi tal-ilma waqfu u l-ħsad sparixxa. Il-bdiewa ħallew il-post li reġa' sar niexef kif kien qabel, bil-kanali tal-ilma imblukkati bit-tajn u b'dak li trabba fihom u d-djar kollha mxaqqin!

Il-Knisja madankollu baqgħet hemm. Il-missjunarji tal-Holy Ghost baqgħu jieħdu ħsieb dak li kien fadal u fi żmienna qrib ħafna l-Komunità Missjunarja ta' Marija qegħdin jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex jibnu mill-ġdid il-komunitajiet tan-nies li reġgħu bdew ġejjin lura. Minn żmien għal żmien nisimgħu xniehat li l-Proġett ta' Irrigazzjoni jista' jiġi mħaddem mill-ġdid.



## DJOĊESI ĠDIDA U VOKAZZJONIJIET

Patri Leone White beda ħidmietu fil-Kenja bħala Delegat tal-Provinċjal u wara sar Prefett Apostoliku. Dan kien pass biex Garissa ħadet l-identità tagħha li leħqet il-quċċata meta fl-1984 saret Djoċesi bl-E.T. Mons. Pawlu Darmanin l-ewwel Isqof.

Fis-sena 1979, ħassejna l-ħtieġa li jkollna parroċċa fiż-żona ta' Nairobi jew qrib; għalhekk konna mistiedna nieħdu l-parroċċa ta' Ruiru fejn kien hemm missjunarju tal-Ispirtu s-Santu li kien għadu kif miet fl-Irlanda. Patri Pelaġju Bilocca beda jmur iqaddes hemmhekk kull nhar ta' Ħadd u wara Patri Ġorġ Bezzina kompla din il-ħidma. Meta jien kont se nibda nissetilja f'Witu, qrib Mpeketoni, f'Mejju ta' l-1980, ġejt maħtur kappillan ta' Ruiru. Hemm bqajt għal erba' snin; komplejt il-bini tal-parroċċa u hemmhekk ukoll kelli l-esperjenza li ġejt imsawwat u misruq minn ħallelin. Minn Ruiru jien ġejt magħżul Superjur Regolari u domt sitt snin f'dik il-kariga.

Kien madwar għaxar snin wara li wasalna l-Kenja li bdejna naħsbu għall-vokazzjonijiet għall-Ordni tagħna. Tassew dan huwa mertu ta' Patri Pelaġju Bilocca. Id-Diretturi tal-Vokazzjonijiet fil-Kenja xejn ma kienu ottimisti li nsibu vokazzjonijiet lokali. Imma ż-żmien wera kemm ma kellhomx raġun u





ANNIVERSARJI GARISSA, IL-KENJA

l-ottimiżmu ppremja lil dawk li kellhom aktar paċenzja. Illum l-Ordni huwa mwaqqaf sewwa fil-Kenja u qed iwettaq ħidmiet ta' formazzjoni kif ukoll dawk pastorali u soċjali.

In-numru ta' saċerdoti Kapuċċini huwa kbir u hemm numru sabiħ ta' Brothers professi wkoll. Għandna Dar għall-Formazzjoni tal-Bidu f'Umoja, Mpeketoni, u oħra għall-istudenti li jkunu qed jistudjaw il-filosofija u t-teoloġija ġewwa Lang'ata, Nairobi. Dawn l-istudenti jkomplu l-istudji għolja tagħhom flimkien ma' studenti reliġjużi ta' Kongregazzjonijiet u Istituti oħrajn. U fit-tmiem tal-istudji huma jingħataw Diplomi u Gradi Akkademiċi. Uħud minn tagħna l-Kapuċċini li kienu ntbagħtu Ruma biex ikomplu l-istudji jgħallmu wkoll hemmhekk. Illum kważi f'kull komunità u programm tal-formazzjoni issib Kapuċċini Kenjani.

In novizzjat isir it Tanzania u xi studji oħrajn isiru ż-Żambia jew l-Afrika t-Isfel. Numru mhux ħażin akkwistaw gradi akkademiċi minn universitajiet f'Ruma u oħrajn għadhom sejrin bl-istudji tagħhom għal dan il-għan.

Uħud minn dawn Ħutna Kapuċċini Kenjani ġejjin minn parroċċi tagħna: insemmi xi wħud bħal Andrew Kokanyi, Emmanuel Kamrata, Moses Mwangi, Daniel Kamau.

Il-Kapuċċini fil-Kenja saru Viċiprovinċja fl-1996 meta Patri Manwel Barbara ġie maħtur l-ewwel Viċiprovinċjal. Warajh sar Patri Ġorġ Bezzina. Fl-2003 il-Viciprovinċja bdiet tiddependi mill-Ministru Ġenerali tal-Ordni. Patri Isidor Peterhans mexxa dawn l-aħħar sitt snin u waqt li bejn it-2 u s-7 ta' Frar 2009 sar il-ħames Kapitlu Viċiprovinċjali li fih inħatar bħala Viċiprovinċjal l-ewwel Kenjan Patri George Muthaka fl-età ta' 34 sena. •





POEŻIJA

*L-Għid it-Tajjeb*

minn Kav Joe M Attard



L-Għid it-Tajjeb nixtiqilkom
Minn qiegħ qalbi dawn il-jiem;
Jalla bil-qawmien ta' Kristu
Qalbkom tfur b'hena u sliem!

Kristu bata, miet u rxoxta
Sabiex jifdi lil kulħadd;
Issa jmiss il-parti tagħna
Li ma niċħduh qatt u qatt.

Kristu ssallab fuq injama
Fost żeblih, swat u tbatija;
Twieled f'għar għeri u fqajjar
Biex jifdina minn kull ħtija.

Fit-tliet snin li dam iterraq
Mat-triqat tal-Palestina
Smajt lill-folol ta' spiss jgħidu
'Dan il-bniedem biss, jaħjina!'

Għaliex Kristu l-Bniedem-Alla
Kien ifejjaq lil kulħadd
Għalih mhemmx razez, fruntieri,
Qatt ma ħares lejn wiċċ ħadd!

Kristu Rxoxt hu l-Missier twajjeb
Mls-sallb fetaħ ldejh,
Għaliex ried meta jitgħolla
Lilna jiġbed lkoll lejh.

U għalhekk f'dan l-Għid Imqaddes
Nitolbuk Mulej Ġesù
Irxuxtana mill-mewt tagħna
Imla 'l qalbna b'kull virtù.

# OĦORĠU FIL-PJAZEZ

F'dawn il-jiem ġie f'idejja dan il-ktieb tal-E.T. Mons Isqof Mario Grech, Isqof t'Għawdex, maħruġ mill-Klabb Qari Nisrani li jiġbor fih għadd ta' Omeliji u diskorsi li għamel l-Isqof matul is-sena 2006.




Matul dak is-sajf, fl-istaġun tal-festi, kont issib lill-Isqof Mario Grech imexxi l-Pontifikal tal-festa l-Ħadd filgħodu u jagħmel ukoll l-Omelija ta' waqt il-quddiesa. Hekk insibu lill-Isqof jippriedka fost oħrajn fil-festi titulari tal-parroċċi ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija, San Pietru u San Pawl fin-Nadur, il-Viżitazzjoni fl-Għarb, San Ġorġ Martri fil-Victoria, Santa Margerita f'Ta' Sannat, Santa Marija fil-Victoria, il-Bambina fix-Xagħra kif ukoll fil-manifestazzjoni ta' Kristu Re. L-Isqof għamel ukoll għadd ta' Omeliji nteressanti waqt iż-żjajjar fraterni li għamel fil-parroċċi ta' San Ġorġ fil-Victoria, Qalb ta' Ġesù fil-Fontana, San Pawl Nawfragu fil-Munxar, San Ġwann Battista fix-Xewkija, San Pietru u San Pawl fin-Nadur, il-Madonna tas-Sokkors u San Girgor il-Kbir f'Ta' Kerċem fejn kien ukoll għal xi żmien Kappillan, l-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp fil-Qala.

Kellem ukoll il-ġurnalisti u xandara kif jagħmel ta' kull sena fil-festa tal-qaddis patrun tagħhom San Franġisk de Sales, mexxa xi quddies ta' funerali, qasam il-fliegu u tkellem fi Blata l-Bajda fid-Dar Ċentrali tal-Museum, mar fl-Imtarfa u wassal il-messaġġ tiegħu waqt pellegrinaġġ Djoċesan għall-Knisja ta' Sant Anna f'Wied il-Għajn. Oħorġu fil-Pjazez jiġbor fih diskorsi oħra importanti li l-Isqof tad-Djoċesi Għawdxija għamel fi tmiem l-Episkopat tal-Isqof Emeritus Nikol Cauchi u l-bidu tal-Episkopat ġdid tiegħu, silta mill-omelija li għamel waqt il-pellegrinaġġ penitenzjali tar-Randan f'Għajnsielem, kif ukoll fl-okkażjonijiet tal-festi tal-Għid, il-Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Isem Mqaddes t'Alla, Kampanja favur Ambjent moralment nadif u manifestazzjoni Marjana, flimkien ma' diskorsi fl-okkazjoni ta' pussess ta' Arċiprieti/Kappillani u ta' Ordinazzjoni Presbiterali. Interessanti wkoll f'dan il-ktieb il-pubblikazzjoni tal-Paper 'Island Fragility & Cultural Resources' u d diskors li għamel lill Kunsill tal Union Ħaddiema Magħqudin fil-kwartieri ġenerali tagħhom fil-Floriana.

Forsi ma nrexxilix ninkludi kulma qed jidher f'din il-pubblikazzjoni; għalhekk nissuġġerilkom tiksbu kopja tagħha b'mod speċjali dawk li jħobbu l festi u kull min jixtieq jitgħallem u jixtarr sewwa l kelma ta' dan ir-Ragħaj li fit-tliet snin li ilu magħna ma waqafx jitħabat biex iwasslilna l-bxara t-tajba u jressaqna iktar lejn il-Ħallieq, il-Missier tagħna lkoll. •



# TAGĦRIF DWAR IL-FRANĠISKANI KAPUĊĊINI (1802-1814) MILL-ARKIVJI NAZZJONALI

Filwaqt li kont qed inqalleb l-Arkivji lokali Itqajt ma' ftit notamenti b'rabta mal-Kapuċċini ta' Malta u Għawdex fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża fil-gżejjer Maltin.

### 1802. It-traslazzjoni tal-Korpi Santi tal-Martri San Martin u San Facondo

Fil-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja f'Għawdex, ufffiċċjat mill-Kapuċċini, kien hemm il-Korp Sant tal-qaddisin Martri San Martin u San Facondo. Fl-10 ta' Ġunju 1798, Għawdex bħal Malta sfat okkupata mill-Franċiżi. Il-ħakkiema l-ġodda ddeċidew li kull Ordni Reliġjuż seta' jkollu biss kunvent wieħed fil-gżejjer Maltin. Għaldaqstant il-Kapuċċini kellhom iħallu l-kunvent tagħhom f'Għawdex, u jinġabru fil-Kunvent tal-Floriana. Il-Franċiżi ħadu f'idejhom il kunvent u kkunsinjaw il-knisja lill-Arċipriet tal-Matriċi.

Meta telqu mill-kunvent, il-Kapuċċini ħadu magħhom xi affarijiet tal-knisja kif ukoll il-Korpi Santi tal-qaddisin imsemmija.

Il-ħakma Franċiża f'Għawdex intemmet fid 29 t'Ottubru 1798. Immedjatament il-kapuċċini ġew lura f'Għawdex u ħadu f'idejhom lura l-knisja u l-kunvent u reġgħu bdew juffiċċjaw fil-knisja.

Il-Kapuċċini ġabu magħhom lura ż-żewġ Korpi Santi. Nhar il-25 ta' Jannar 1802, dawn iż-żewġ Korpi Santi ġew esposti fil-Kolleġġjata Matriċi ta' Santa Marija fil-Kastell fejn sar l-Għasar bil-mużika. Wara saret it-traslazzjoni taż-żewġ Korpi Santi għall-knisja tal-Kapuċċini. F'din il-purċissjoni ħadu sehem il-Kapitlu tal-Matriċi, il-Kleru sekulari u regulari u l-fratellanzi. Kif il-purċissjoni waslet fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja, niseġ il-panegierku l-Kan. Arċipriet tal Għarb Dun Ġwann Xuereb. L-għada l-Kapitlu tal-Matriċi ċċelebra quddiesa solenni bil-mużika li fiha niseġ il-paneġierku Patri Ġużepp Stivala OFMConv.[1]

### 1804. Kapuċċin jinħatar biex jipprietka fil-Matriċi ta' Għawdex.

Fil-bidu ta' l-1804, il-Gwardjan tal-Kapuċċini f'Għawdex Fra Fidiel minn Malta għamel talba lill-Kummissarju Ċivili Sir Alexander Ball, biex jinħatar biex jipprietka fil-knisja Matriċi f'Għawdex fl-Avvent (1804) u fir-Randan (1805). It-talba tiegħu ġiet milqugħa permezz ta' digriet taz-19 ta' Jannar 1804.[2]

### 1805. L-Ewwel Quddiesa Solenni tal-Kapuċċini f'Għawdex.

Fil-bidu tal-1805, il-Kapuċċini kellhom saċerdot ġdid Fra



Ferdinandu li ċċelebra l-ewwel Quddiesa solenni tiegħu fil-knisja tal-Kapuċċini f'Għawdex, f'Marzu 1805. Għal din il-Quddiesa attendew il Ġurati tal Università ta' Għawdex. F'din l-okkażjoni l-Università ħallset is-somma ta' skud lil Giovanni Marija Calleja "Purtier" ta' Università talli f'din l-okkażjoni ħa fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja, is-sedja tal-Ġurati u t-tapit.[3]

## 1809. Għotja ta' żejt lill-Kapuċċini tal-Kalkara.

Fir-Randan tal-1809 il-kunvent tal-Kapuċċini tal-Floriana, ma kienx f'qagħda finanzjarja tajba. Dan joħrog mill-fatt li għamlu talba lill-Kummissarju Ċivili, li fiha nfurmawh li ma kellhomx żejt u lanqas flus biex jixtruh. Għaldaqstant talbuh jordna lill-Unviersità tal-Belt Valletta, li jagħmlu karità magħhom, billi jagħtuhom xi żejt għas-servizz tal-kunvent.

Il-Kummissarju Ċivili Sir Hildebrand Oates permezz tal-Awditur tiegħu Salvatore Zammit, fil-11 ta' Marzu 1809, ordna li din it-talba tintbagħat lill-Ġurati tal-Università tal-Belt Valletta biex jagħmlu rapport fuqha.

Il-Ġurati f'rapport tagħhom bid-data tal-21 ta' Marżu 1809, ikkonfermaw il-qagħda tal-Kapuċċini, iżda infurmaw lil Oates li l-Università kellha biss provista taż-żejt għal mixgħela tal fanali tat toroq tal Belt Vallettta. Iiedu wkoll li ma hemmx drawwa li jagħtu ż-żejt lill-imsemmi kunvent. Għaldaqstant ħallew id-deċiżżjoni f'idejn Oates, li min-naħa tiegħu ordna li l-Università tagħti *"un barile d'olio"* lil kunvent tal-Kalkara.[4]

## 1812. Għotja ta' flus mit-Teżor biex issir l-antiporta tal-Knisja ta' Għawdex.

Fl-1811 il-Gwardjan tal-kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex kien Fra Giovanni Maria. Fi żmien it-tmexxija tiegħu nħass il-bżonn li ssir l-antiporta tal-knisja tal-Madonna tal-Grazzja. Jidher li l-Gwardjan ma kellux biżżejjed biex jagħmel din l-opra. Għaldaqstant fl-20 ta' Setttembru 1811, għamel talba lill- Kummissarju Ċivili Oates, biex jingħata somma flus bħala karità, mid-dħul tal-amministrazzjoni tal-Beni Pubbliċi.

Minkejja l-fatt li ma ngħatax risposta mill-Gvern, il-Gwardjan ordna l-antiporta. Iżda meta waslet xorta waħda ma kellux flus biżżejjed biex iħallasha. Għaldaqstant f'Lulju 1812, għamel talba oħra għall-istess skop lil Oates.

Jidher li Oates kien iġibhom sewwa lill-Kapuċċini għax b'digriet tad 29 ta' Lulju 1812, ordna li jingħataw is-somma ta' 100 skud mit-Teżor tal-Gvern.[5]

## 1814. Għotja ta' zokkor u kafè lill-Kapuċċini tal-Floriana.

Karità oħra mal-Kapuċċini, din id-darba ma' dawk tal-Floriana saret f'Jannar 1814, meta l-gżejjer Maltin kienu maħkuma mill-imixja tal-pesta. Mill-kontijiet tal-Università tal-Belt Valletta għax-xahar ta' Jannar 1814, nafu li l-Università kienet ħallset is-somma ta' 8 skudi u 3 tari biex jingħataw iz-zokkor u l-kafè lill-Gwardjan tal-Kapuċċini tal-Floriana.[6] •

1. N(ational) A(rchives) G(ozo) ZM-03-109
2. N(ational) A(rxhives) M(alta) PS/03/1. p31
3. N.A.G. U.G. Univ I88(13) Mandati 1801/1818 Mandato 12-111- 1805 SMR
4. Librerija Nazzjonali Malta, Univ.498 Suppliche 1804-1818
5. Ibid PS/01/4 p.111
6. Librerija Nazzjonali Malta, Univ. 516, Accounts Jan-June 1814 31-1-1814

***N.B. Hajr lill-Mons. Dr Joseph Bezzina HED li wassalli l-materjal marbut mat-Trasulazzjoni tal-1802***





# KONTRA L-KURRENT. IEBSA, IMMA JAQBILLEK!

Fil-parabbola tal-qamħ u s-sikrana, irrakkuntata fl-Evanġelju skont San Mattew (13:24-30), insibu tal-inqas żewġ pariri mitqlu deheb għal min f'ħajtu jħossu maqbud f'salib it-toroq, ifittex ħerqan dak li Alla jixtieq minnu.

L-ewwel parir huwa ispirat mill-frażi, **"erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad"** (Mt 13:30). Min qal hekk lil min, u għalfejn? Meta mal-qamħ tfaċċat is-sikrana li xi għadu tas-sid kien żera' matul il-ħin tal-irqad, il-qaddejja kellhom tentazzjoni qawwija li jgħaġġlu u jfittxu jiġbru s-sikrana. Iżda fuq parir għaqli tas-sid li wissihom li huma u jiġbru s-sikrana kellhom mnejn jaqilgħu magħha l-qamħ ukoll, il-qaddejja ħallewhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad, kif issuġġerielhom is-Sid stess.

Li kellna nxebbħu din l-għalqa mal-ħajja tagħna, nintebħu li f'ħajjitna, mal-leħen u mas-sejħat ta' Alla (qamħ), jitħalltu wkoll ilħna oħrajn li ma jkunux ġejjin minn Alla (sikrana). Meta nintebħu b'dan nistgħu faċilment insibu ruħna fl-istat ta' paniku li sabu ruħhom fih il-qaddejja: jagħtina ġenn biex infitxxu neliminaw dawk l-ilħna fina li ma jkunux ġejjin minn Alla. Imma jekk nagħmlu hekk nirriskjaw li narmu l-qaleb bil-ġbejna b'kollox! L-ispirtu ta' dixxerniment (bil-Latin discretio, li tfisser, tissepara, tiddistingwi bi prudenza bejn żewġ affarijiet), jiġifieri, il-kapaċità li nagħrfu bejn dak li jkun ġej minn Alla u dak li ma jkunx ġej minnu, jitlob proċess li jieħu ż-żmien tiegħu. Ma nistgħux nippretendu li niddixxernu bejn il-qamħ u s-sikrana f'ħakka t'għajn. M'għandniex nistennew riżultati immedjati. Inkunu prużuntużi jekk naħsbu li hu meħtieġ biss ftit żmien biex jirnexxielna nagħrfu dak li jkun ġej minn Alla minn dak li jkun ġej minna nfusna jew mix-xitan. Jekk dan il-parir jgħodd għal kull Nisrani, jgħodd b'mod partikulari għal min ġo qalbu jkun qed iħoss xrara ta' vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża.

Biex tkompli tgħaxxaq, il-kultura postmoderna għandha ħabta tagħmilna torox għal dan il-parir siewi. Għalfejn qed ngħid hekk? Qed ngħixu f'soċjetà ddominata mill-kultura tal-istantanju, tal-issa, tal-immedjat,

"Qed ngħixu f'soċjetà ddominata mill-kultura tal-istantanju, tal-issa, tal-immedjat, tal-imminenti."

tal-imminenti. Ninsabu bbumbardjati bi kliem bħal: instant tea, instant coffee, eċċ. Xi ħadd ukoll, b'mod tassew oriġinali, fettillu jagħti lis-soċjetà tagħna l-laqam ta' push button society għax wasalna fi stat fejn kull servizz li rridu niksbuh billi nagħfsu buttuna. Din il-mentalità ta' l-istantanju jista' jkun qed ikollha effett negattiv fuq is-sens ta' tfittxija ta' min qed ifittex ir-rieda ta' Alla, għax iġġiegħlu jfittex riżultati immedjati u ma tgħinux jittollera l-proċess twil u esiġenti tad-dixxerniment.

Ngħaddu għat-tieni parir. Kif diġà għidna, kien is-Sid li dawwal il-moħħ tal-qaddejja u kkonvinċihom li l-qattusa għaġġelija frieħ għomja tagħmel! Għalhekk nistgħu ngħidu li s-Sid serva ta' direttur spiritwali għall-qaddejja tiegħu li marru jitolbuh parir.

Minn dan il-fatt nistgħu nisiltu riflessjoni siewja, ċioè, li mezz indispensabbli biex żagħżugħ jiddixxerni sewwa jekk is-sejħa li qed iħoss hix ġejja minn Alla jew le hija d-direzzjoni spiritwali, li hija kariżma u don vitali fil-Knisja tagħna. Kemm għandna bżonn niskorpu dejjem iktar il-benefiċċji ta' dan id-don! Ħafna għandhom l-idea żbaljata li d-direttur spiritwali huwa xi punt ta' riferiment biex wieħed isib tarf tal-problemi li jkollu. Din hija idea fqira ħafna ta' min hu d-direttur spiritwali, li pjuttost iktar tqarreb lejn definizzjoni ta' 'counsellor'.

Fr Thomas H. Green, kittieb prolifiku dwar il-ħajja spiritwali, jgħid li d-direttur spiritwali huwa dak li jgħin lill-persuna li tmur għandu ***"to discern the movements and the guidance of God in his (or her) life"*** u ***"to be able to see the divine initiative of loving invitation, in which God is seeking from him some kind of response"*** (The Friend of the Bridegroom, paġna 40). F'kelma waħda, id-direttur spiritwali jrid jgħin lil dak li jkun jaqra s-sinjali taż-żminijiet u jinterpreta ċ-ċirkustanzi li jsib ruħu fihom fid-dawl ta' Alla. Jgħinu jinduna b'Alla f'ħajjitna u jidħol fir-rieda safja tiegħu.

Għal darb'oħra, anki f'dan il-każ, il-kultura postmoderna li tiffavorixxi ħafna l-individwaliżmu ma tantx tħajjarna niddependu mill-għajnuna li jista' joffrielna ħaddieħor. Is-soċjetà tagħna hija ddominata minn sens qawwi ta' awto-suffiċjenza; l-għajta hi li donnu ħadd m'għandu bżonn ħadd, ħadd ma jrid min jindaħallu f'xejn, anki jekk ikun fl-iżball. Din il-mentalità narċisista għandha mnejn titfa' dell fuq l-importanza u l-effikaċja tad-direzzjoni spiritwali, ta' mixja magħmula spalla ma' spalla ma' xi ħadd li turini s-sbuħija li aħna Knisja, komunità mibnija fuq il-qadi ta' xulxin, "poplu" li jinsab f'pellegrinaġġ kontinwu lejn id-Dar tal-Missier (ara Lumen Gentium 9).

Jekk nieħdu dawn iż-żewġ pariri bis-serjetà, insibu ruħna naqdfu kontra l-kurrent. Imma jkun jaqbel lilna għax il-ġid li niksbu ma nkunu rridu nibdluh ma' xejn. •





# TIFKIRA TA' ALEXANDER SCHEMBRI OFMCap 1928-2009

"Jiena hu l-Qawmien u l-Ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt" (Ġw 11, 25-26)

**Huwa b'dan il-kliem meħud mill-Evanġelju skont San Ġwann, li bih il-Ministru Provinċjal, Fr Joe Alessandro, beda l-omelija tal-quddiesa tal-funeral ta' Patri Alex Schembri. Dan huwa l-kliem li l-Mulej Ġesù tenna lil Marta, oħt Marija ta' Betanja, quddiem il-qabar ta' ħuhom Lazzru li kien ilu erbat ijiem mejjet.**

## IT-TFULIJA

Patri Alex twieled il-Marsa fl-20 t'Ottubru 1928 u tgħammed seba' t'Ijlem wara fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, Marsa, u ngħata l-isem ta' Alexander. Alex, kien ir-raba' minn ħdax-il wild li twieldu frott l-imħabba tal-ġenituri twajba tagħhom, Aloysius u Marija Concetta neè Zammit. Il-ġenituri ta' Alex tellgħu lil uliedhom b'valuri qawwija u b'togħma nisranija li ħalliet il-marka tagħha fuq il-karattru tagħhom.

Alex attenda l iskola primarja tal Marsa u dik ta' Flores College, fil-Belt. Kien hawnhekk li huwa tkisser tajjeb fil lingwa Ingliża li huwa baqa' jħobb sa l-aħħar.

Il-kuntatt ma' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini li għandhom il-kunvent u l-knisja fi Triq Balbi, Marsa, nibbet fit-tfajjel Alex l-ewwel imħabba lejn l-Ordni Kapuċċin. L-eżempju tal-Patrijiet li f'dak iż-żmien kienu jgħixu f'awsterità kbira, b'enfasi kbir fuq dak li hu estern, jidher li inċiża f'Alex il-marka tiegħu, tant illi huwa baqa' sa l-aħħar ta' ħajtu jippreżenta dan il-mudell ta' Kapuċċin, biċ-ċoqqa fqira li rari kien ineħħiha minn fuqu, bil-leħja bajdanija li kellu, bil-kuruna imdendla mal-kurdun, iċċekċek ma' kull pass li kien jagħmel u bil-karlotta tas-suf li kien iħobb jilbes f'rasu fil-jiem kiesħa tax-xitwa.

## DHUL FL-ORDNI

Fit-28 ta' Lulju 1946, il-Ministru Provinċjal ta' dak iż-żmien, Patri Antonio M. minn Għawdex aċċetta lil Alex ta' 18-il sena, biex jibda' n-novizzjat fil-fraternità ta' Għawdex. Huwa libes iċ-ċoqqa Kapuċċina flimkien ma' tliet kandidati oħra u ngħata l-isem ta' Fra Nicola mill-Marsa. Dawn l-erba' novizzi kienu taħt id-direzzjoni tal-mastru tan-novizzi Patri Alessandro mill-Ħamrun. Sena wara, jiġifieri, fit-3 t'Awissu 1947, Fra Nikol għamel l-ewwel wegħdiet tiegħu f'idejn Patri Giacintu minn Għawdex, Definitur u Delegat tal-Ministru Provinċjal, Patri Anton minn Għawdex. Wara n-novizzjat, Fra Nikol beda l-istudji tal-letteratura fil-fraternità tal-Floriana u l-kors tal-filosofija u tat-teoloġija għamilhom flimkien ma' sħabu l-oħra fil-kunvent tal-Kalkara. Fl-4 ta' Frar 1951, huwa għamel l-aħħar Wegħdiet tiegħu fil-fraternità tal-Kalkara. Sadanittant, l-eżempju tajjeb ta' Fra Nikol ħalla l-effett tiegħu wkoll fuq wieħed minn ħutu, Giovanni, li ħass ukoll is-sejħa li jingħaqad ma' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini Maltin. Dan fil-fatt beda n-novizzjat fil-kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex, fit-18 ta' Settembru 1949 bl isem ta' Fra Pietru Pawl mill Marsa.

Forsi l-jum l-aktar sabiħ għaż-żgħażugħ Nikol kien id-29 ta' Lulju 1956, meta huwa ġie ordnat presbiteru mill-Isqof ta' Għawdex, Mons Ġużeppi Pace fil-knisja ta' Sant'Antnin, f'Għajnsielem Għawdex. Miegħu ġew ordnati wkoll ħames Aħwa Kapuċċini oħra. Fit-12 t'Awwissu, is-saċerdot novell, Patri Alex, imbagħad

iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, Marsa, li matulha Patri Fidiel minn Għawdex għamel l-Omelija tal-okkażjoni. Ħuna Alex baqa' jgħożż dan il-waqt bħala "teżor" fil ħajja tiegħu u fuq il parir tal awtur tat-Tieni Ittra lil Timotju li jikteb: **"Ħares bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li jgħammar fina t-teżor li kien afdat f'idejk"** (2Tim 1:14), Ħuna Alex baqa' jgħix dan il-kliem sa l-aħħar ta' ħajtu.

## MINISTERI FIL-PROVINĊJA

Il-ministeru presbiterali ta' Ħuna Alex kien immarkat b'sempliċità u b'umiltà kbira. Fuq is-Santa ta' tifkira li kien stampa fid-29 ta' Lulju 2006 sabiex bi gratitudni jirringrazzja lil Alla għar-rigal tal-presbiterat, huwa kien kiteb il-kliem meħud mill-Ktieb tal-Profeta Isaija 61:1-3 li Ġesù nnifsu applika għalih stess fis-Sinagoga ta' Nazaret biex ifisser x'kienet il-missjoni li għaliha Alla l-Missier kien ikkonsagrah għaliha (ara Lq 4:18-29).

***"L-Ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi,***

***għax il-Mulej ikkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin.***

***Bagħatni ndewwi l-qalb miksura,***

***Biex inħabbar il-ħelsien lill-imjassrin***

***u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs;***

***biex inniedi s-sena tal-Grazzja tal-Mulej;***

***u jum il-vendetta ta' Alla tagħna;***

***biex infarraġ lill-imnikktin;***

***biex inferraħ lil dawk li jibku f'Sijon***

***nagħtihom kuruna flok irmied,***

***żejt tal-ferħ flok l-ilbies tal-vistu***

***l-għana tal-foħrija flok ruħ mitluqa."***

Dan jidher li kien il-programm li Patri Alex xtaq ifassal wara li b'tant tbatija wasal għall Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. B'disponibbiltà kbira, dan is-saċerdot novell kien imur jissupplixxi f'bosta sptarjiet fejn l-Aħwa tagħna jagħtu s-servizz ministerjali tagħhom u b'hekk seta' jgħix tassew dan il-kliem mill-Profeta Isaija, kliem ta' faraġ u tama ndirizzat lil dawk li qed ibatu.

Wara l-Ordinazzjoni Presbiterali, Patri Alex kien assenjat bħala membru fil-fraternità tal-Floriana u wara għamel xi żmien fil-fraternità tal-Kalkara. Minn hemm qatta wkoll xi żmien fil-fraternità ta' Għawdex sabiex seta jipprepara ruħu għall-eżami tal-qrar. Wara huwa kien assenjat membru fil-fraternità tax-Xemxija fejn dam hemmhekk sal-1980. Fl-1980, imbagħad, P. Alex irċieva l-Ubbidjenza sabiex jibda' jagħmel parti mill-fraternità tal-Floriana, u baqa' hemmhekk sakemm miet.



*Il-Familja Schembri.*



*Alex u Pietru Pawl.*

## IL-ĦAJJA FIL-KUNVENT

Il-kundizzjonijiet fiżiċi tiegħu llimitawh ħafna fil-ministeru tiegħu. Huwa kien bniedem li bata' ħafna u l-mard tiegħu ma tantx għenu wisq biex ikun jista' jifrex il-ministeru tiegħu. L-akbar attività pastorali tiegħu kienet li laqqgħatu ma' bosta persuni permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni li huwa kien jamministra tant bil-qalb. Il-kliem li Kristu Rxoxt tenna lill-Appostli dakinhar li qam mill-imwiet u dehrilhom fil-kamra li fiha kienu msakkrin: **"Hudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma"** (Ġw 20. 23), spikka fil-ħajja tiegħu.

Kien hemm żewġ mumenti qawwija oħra li Patri Alex kien jieħu bis-serjetà matul il-ġurnata. Dawn huma il-quddiesa ta' kuljum u t-talb. Patri Alex kien jgħożż bħala l-akbar rigal il-quddiesa ta' kuljum, li kien iqaddisha b'ħafna attenzjoni u serjetà, kważi bi skruplu, anki meta kien iqaddes fil-privat. Propju mill-Ewkaristija kien jieħu l-qawwa li kellu bżonn.

Fil-kamra tiegħu, instab ukoll ktieb tat-Talb li permezz tiegħu Patri Alex kien jitlob u jfaħħar lil Alla kuljum. Dawn il-waqtiet żgur li kienu ta' għajnuna kbira għalih l-aktar minħabba l-fatt li l-ħajja għal dan Ħuna ma kienetx waħda ħafifa. Ħuna Alex emmen dejjem fil-Mulej u l-qawwa li kien qed jagħtih, kif emmen ukoll bis-sħiħ li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra li għaliha tant stinka u għamel sagrifiċċji bħala reliġjuż u saċerdot.

## L-AĦĦAR JIEM

F'dawn l-aħħar snin, is-saħħa fiżika ta' Ħuna Alex baqgħet sejra għall-ħażin u din il-qagħda fiżika tiegħu affetwatu ħafna u ħolqitlu bosta tbatijiet li mhux dejjem kien faċli li jissuperahom. Fil-bidu tas-sena l-ġdida, Ottna l-Mewt, ġiet iżżur lill-fraternità tal-Floriana. Kien nhar it-Tnejn, 12 ta' Jannar 2009, meta Patri Alex fl età ta' 80 sena magħluqa, temm il-pellegrinaġġ tal-ħajja tiegħu fuq din l-art wara 63 sena ta' Ħajja Konsagrata lil Alla.

Il-funeral tiegħu sar l-għada, it-Tlieta, 13 ta' Jannar 2009, fil-knisja tas-Salib Imqaddes, il-Floriana. Il-Ministru Provinċjal, Fr Joe Alessandro, mexxa l-quddiesa u għamel l-omelija. Numru kbir ta' Aħwa ħadu sehem fil-quddiesa, inkluż l-għażiż ħuħ, Patri Pietru Pawl, membru ta' l-istess fraternità tal-Floriana, u li kien qrib ħafna ta' Patri Alex filwaqtiet kollha tal-ħajja tiegħu. Ħuna Alex ġie midfun fl-oqbra tal-Provinċja fiċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata, f'Raħal Ġdid.

## KONKLUŻJONI

**"Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix; u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."** Huwa b'dan il-kliem li bdejna u bih nispiċċaw. Imma Ġesù dak in-nhar li qal dan il-kliem ma waqafx hemm . Huwa staqsa mistoqsija diretta lil Marta: **"Temmnu inti dan?"** (Ġw 11:25-26). Marta ma baqgħetx lura u weġbiet lil Ġesù: **"Iva, Mulej, jiena nemmen li inti l-Messija, l-Iben ta' Alla, dak li ġie fid-dinja"** (v.27). Din hija waħda mill-isbaħ stqarrijiet Kristoloġiċi li r-Raba' Evanġelista nkluda fin-narrattiva li ħallielna. Din l-istqarrija Ħuna Alex baqa' jtenniha kuljum hekk kif kien jiġi biex jitqarrben u jwieġeb: **"Amen! Jiena nemmen!"** Li temmen, ifisser li fina nnislu l-konvinzjoni tal-kliem li Ġesù tenna lid-dixxipli fl-Aħħar Ċena: **"mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn"** (Ġw 15:5).

Patri Alex għamel esperjenza ta' dan il-kliem. Nittamaw li huwa jinstab ukoll mal-**"ħenjin"**, dawk li huma **"mistiedna għall-mejda tat-tieġ tal-Ħaruf"** (Apok 19:9). •



# IL-BOLOL TA' MALTA (13)

## MILIED 1975

Fl-4 ta' Novembru 1975 il-Posta ta' Malta ħarġet sett ta' tliet bolol tal-8m+2m, 3ċ+1ċ u 7ċ5+1ċ5. Magħqudin flimkien dawn juru pittura sabiħa tan-Natività mill-pittur Maestro Alberto li kien jgħix fl-aħħar tas-seklu 15. Din il-pittura tinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti fil-Belt Valletta.

## L-EWWEL ANNIVERSARJU TAR-REPUBBLIKA

Għall-okkażjoni tal-ewwel anniversarju tar-Repubblika, fit-12 ta' Diċembru 1975 il-Posta ħarġet set ta' tliet bolol li jfakkru t tibdil importanti fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Fosthom kien hemm li l-Kostituzzjoni tkun mibnija fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwu. Il-bolla taċ-1ċ3 turi d-dritt għax-xogħol, tal-5ċ turi l-protezzjoni tal-ambjent naturali u tal-25ċ turi l-bandiera nazzjonali ta' Malta. Dawn il-prinċipji huma murija fuq disinn ta' Anthony DeGiovanni.

## EMBLEMA TAR-REPUBBLIKA

Il-gvern tal-ġurnata ħass li kellu jbiddel l-emblema ta' Malta u għalhekk il-Posta ħarġet bolla waħda fit-28 ta' Jannar 1976 biex tieħu post dik definittiva bid-delfini taż-żewġ liri. Id-disinn tal-emblema kien riżultat ta' kompetizzjoni fost it-tfal li Chev. Envin Cremona inkorpora fid-disinn tal-bolla tiegħu.

## FOLKLOR MALTI

Fis-26 ta' Frar 1976 ħareġ sett ta' erba' bolol li juru l-wirt folkloristiku tal-pajjiż. Il-bolla taċ-1ċ3 turi l-festa tar-raħal bit-tiżjin u l-murtali tradizzjonali. F'dik tal-5ċ naraw il-festa tal-Imnarja meta f'jum San Pietru u San Pawl il-Buskett ikun ċentru ta' festa bl-ikel u l-għana. Il-bolla tas-7ċ5 turi l-maskarati, il-kuluri u l-ferħ fi żmien il-Karnival qabel jibda r-Randan. Il-Ġimgħa l-Kbira hija mfakkra fil-bolla tal-10ċ bil-purċissjonijiet reliġjużi li jsiru f'ħafna mill-bliet u l-irħula. Id-disinji tal-bolol kienu f'idejn Nazzareno Camilleri.

## LOGĦOB OLIMPIKU F'MONTREAL

Tlieta mill-avvenimenti sportivi ta' Malta ġew imfakkra fis-sett ta' bolol maħruġ fit-28 ta' April 1976 biex ifakkar il-21 Logħob Olimpiku ta' Montreal. Il-bolla taċ-1ċ7 turi l-logħob tal-waterpolo li bih Malta kienet ħadet sehem fil-Logħob Olimpiku tal-1928 u tal-1936. Dik tal-5ċ tfakkar it-tiġrijiet tal-qlugħ li huma popolari f'pajjiż imdawwar bil-baħar bħal tagħna. Il-bolla tat-30ċ turi l-atletika li Malta ħadet sehem fiha fil-Logħob Olimpiku tal-1936 u tal-1948. Id-disinji tal-bolol sar mill-pittur Harry D. Alden.

## EWROPA 1976

Fit-8 ta' Lulju l-Posta ħarġet żewġ bolol għall-okkażjoni ta' Jum l-Ewropa fuq disinn ta' Frank Portelli. Dawn juru żewġ eżempji tas-snajja tradizzjonali Maltin. Il-bolla tas-7ċ turi s-sengħa antika u ferm popolari tal-bizzilla magħrufa l-iżjed fil-gżira ta' Għawdex. Tal-15ċ turi x-xogħol tal-ġebel, mhux biss fil-bini iżda wkoll bħala dekorazzjoni tal-gallariji u statwi.

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19. Għal First Day Cover ta' Bolol Maltin ibgħat 20 bolla fl-indirizz ta' hawn taħt.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Liema żewġ bolol imsemmija hawnhekk huma l-irħas u l-ogħla fil-prezz?**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz:
**Kompetizzjoni Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Frar 2009 kienu:**

1. **Errol Christian Farrugia, 27, Triq il-Milied, Ħal Qormi QRM 3200**
2. **Rita Pace, 62, Triq San Vinċens, Ħamrun HMR 2110**
3. **Julie Ann Falzon, 48, Triq P. P. Castagna, Birkirkara BKR 1604**

# ROKNA GĦAT-TFAL

Tfal, din hi rokna għalikom.
Sibu l-kliem mitlufin.

**Mill-Apokalissi**

| | |
|---|---|
| AĦDAR | PAĊI |
| AĦMAR | QADDISIN |
| DINAR | QAMĦ |
| ĠUĦ | QAWS |
| INBID | QAWWA |
| INĊENS | QIMA |
| ISFAR | SALTNA |
| ISWED | SIĠILL |
| LEĦEN | WIĊĊ |
| MEWT | ŻEJT |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Q | A | D | I | N | A | R | S | N | E | C | N | I |
| P | A | C | T | Ħ | D | N | F | P | A | R | M | S |
| Ż | L | W | M | E | U | I | X | M | D | F | E | F |
| K | E | I | W | I | S | Ġ | I | N | J | T | H | A |
| I | Ħ | J | U | A | I | Q | I | Ż | W | E | I | R |
| R | C | X | T | C | Ġ | S | F | E | L | S | S | A |
| A | N | A | Ħ | M | I | U | M | A | Ġ | W | W | M |
| D | G | C | P | D | L | B | S | F | U | A | E | Ħ |
| Ħ | B | I | D | S | L | E | J | A | W | Q | D | A |
| A | Ħ | A | E | Q | E | C | Ż | I | L | A | X | Q |
| Z | Q | F | M | A | Ħ | Q | C | E | C | T | M | W |
| N | X | C | S | Q | E | C | Ħ | B | Z | J | N | W |
| I | N | B | I | D | N | B | Ħ | M | A | Q | X | A |

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-Rebbieħ ta' Marzu 09 Huwa:
Alexander Meli - Marsascala
Nifirħulek!**

# TISLIBA - 89



1. U kif... lejn Alla. (1 Tess 1,9) **(5)**
2. Kien jieħu ħsieb ix-xogħol sfurzat. (2 Sam 20,24) **(6)**
3. Hemm elf imdendla. (Għan 4,4) **(5)**
4. Dan minn taħt, iberred is-sħana. (Prov 21,14) **(5)**
5. Isem ix-xmara. (Dan 8,2) **(4)**
6. Fosthom hemm dan u Alessandru. (1 Tim 1,20) **(5)**
7. Il-Mulej *ikkmanda* għal Ġakobb. (Lqm 1,17) **(5)**
8. meta l-ħalliel ser ikun il-ġenna. (Lq 23,43) **(5)**
9. Minn fejn kienu dawn in-nies. (Neħ 13,16) **(3)**
10. Pawlu kien marbut fihom. (Fil 1,7) **(7)**
11. u 12. ... xi ntqal. (Mt 5,21) **(6)**
13. Dan kien ta' Koraħ. (Ġuda 11) **(6)**
14. Skont it-tajjeb jew dan. (2 Kor 5,10) **(5)**
15. X'kien għamel Ġakobb mill-biċċa art. (Ġoż 24,32) **(5)**
16. Xi tkun dar Ġużeppi. (Għabd 18) **(5)**
17. Lil xi oħra *itjeb* minnha. (Est 1,19) **(5)**
18. David sejjaħ lil Sadok u lil dan. (1 Kron 15,11) **(7)**
19. Daħal... u jagħmel l-inventarju. (2 Mak 3,14) **(4)**
20. Lil... għakka. (Sir 42,8) **(3)**
21. Għandkom l-għira u dan f'qalbkom. (Ġak 3,14) **(5)**
22. U oħra mhux ħoxna. (Lev 8,26) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' MARZU 09:**

***1. Virtù; 2. Iħobbu; 3. Ittra; 4. Harbu; 5. Bosk; 6. Ħuram; 7. Ixħet; 8. Ażotu; 9. Tob; 10. Rebekka; 11. u 12. Sultan; 13. Absint; 14. Bikri; 15. Żball; 16. Sabar; 17. Ordni; 18. Imħabba; 19. Haġa; 20. Sir; 21. Raġel; 22. Arnon.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-Rebbieħa ta' Marzu 09 hija:
Ms Lina Sammut - Qawra. Nifirħulek!**

# SAN PAWL U L-FIGURA STORIKA TA' KRISTU



Waqt din il-katekeżi l-Q.T. Benedittu XVI daħal fil-qalba, biex ngħidu hekk, tar-relazzjoni li kellu l-Appostlu tal-Ġentili mal-figura storika ta' Kristu, relazzjoni li jidher ċar li qatt ma kienet ta' wiċċ imb'wiċċ matul il-ħajja ta' Pawlu u fuq din l-art. Fil-fatt il-Papa jgħid li Pawlu tgħallem dwar id-dettalji tal-ħajja ta' Kristu fuq din l-art bis-saħħa tal-Appostli u bis-saħħa tal-Knisja li kienet għadha kif twieldet. Dan kollu jidher ċar fir-referenzi li nsibu fl-ittri tiegħu dwar **'Kristu ta' qabel l-Għid... bħal ngħidu aħna, jitkellem ċar u dirett dwar.. "l-arblu tar-razza ta' Ġesù min-naħa ta' David", "l-eżistenza ta' ħutu'", u "dwar dak li ġara fl-Aħħar Ikla"**.

Il-Papa jgħid li l-ittri ta' San Pawl jitkellmu dwar it-tradizzjoni msemmija fl-Evanġelji Sinottiċi tat-tagħlim ta' Ġesù dwar l-umli u l-foqra. Meta Pawlu tkellem dwar l-ubbidjenza ta' Kristu sal-mewt... Pawlu kien jaf dwar il-Passjoni... dwar is-Salib u t-tradizzjoni dwar dan is-Salib ġa kienet Iċ-ċentru tal-'kerIgma' Pawlina... Pawlu kien jaf ukoll dwar kolonna oħra tat-tagħlim ta' Ġesù, id-Diskors tal-Muntanja... li jidher ċar fl-Ittra lir-Rumani.

Il Papa jkompli jurina kif insibu traċċi tal-kliem ta' Ġesù fil-mod kif Pawlu jgħaddina mit-tradizzjoni ta' qabel l-Għid għas-sitwazzjoni maħluqa wara l-Għid, bħalma hi fit-tema tas-Saltna ta' Alla... li ħabbret il-misteru ta' Ġesù u ġiet ittrasformata fil-Kristoloġija. Għal Pawlu, it-tagħlim ta' Ġesù li jwassalna biex niksbu s-Saltna ta' Alla, jgħodd għall-ġustifikazzjoni bil-fidi... it-tnejn jinħtieġu mġiba ta' umiltà u onestà... biex tintrebaħ il-grazzja ta' Alla.

Benedittu XVI jurina li... **'mod ieħor ta' trasformazzjoni li hi fidila lejn il-qalba tat-tagħlim ta' Ġesù nsibuha fit-Titli Tiegħu. Qabel l-Għid Ġesù sejjaħ lilu nnifsu "Bin il-Bniedem"... wara l-Għid... "l-Iben t'Alla". U għaldaqstant li t-titlu ppreferut minn Pawlu għal Ġesù hu "il-Mulej", li fih tidher id-'Divinità Tiegħu'. Pawlu anki jitkellem fuq id-dimensjoni salvifika meta jitkellem dwar il-"mewt ta' Ġesù bħala 'prezz tal-fidwa', 'redenzjoni', ħelsien', u 'rikonċiljazzjoni' "**.

Il-Qdusija Tiegħu temm din il-katekeżi hekk: **"San Pawl ma jħarisx, ma jaħsibx f'Ġesù bħalma jagħmel storiku; San Pawl ma jarax lil Ġesù bħala xi ħaġa tal-passat. Hu jaf sewwa t-tradizzjoni... dwar Hajjet Ġesù, imma ma jqisux bħala xi ħaġa tal-passat, Il għaddlet, Imma jqisu bħala Ġesù Haj... Ġesù li għadu jgħix u għadu jkellimna anki llum. Dan hu l-veru mod kif tkun taf lil Ġesù u t-tradizzjoni dwaru."** •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
P. Crispin Tabone OFMCap,
Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**